MT

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

# Analiżi Rapida dwar Każ Speċifiku

## Impenji pendenti fil-baġit tal-UE – Ħarsa aktar mill-qrib

April 2019

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Sommarju eżekuttiv** | I-VII |
| **Introduzzjoni** | 01-21 |
| X'inhu r-RAL? | 04-08 |
| Bażi għall-impenji | 09-11 |
| Kontabbiltà għar-RAL | 12-15 |
| Żvilupp tar-RAL | 16-21 |
| **X'inhuma l-fatturi li għandhom impatt fuq ir-RAL?** | 22-78 |
| Differenza bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament fi ħdan QFP | 24-29 |
| Implimentazzjoni bil-mod tal-oqfsa finanzjarji pluriennali | 30-33 |
| Il-każ partikolari tal-fondi SIE | 34-69 |
| RAL f'oqsma baġitarji oħra | 70-75 |
| Azzjonijiet esterni | 70-72 |
| Programmi oħra | 73-75 |
| "RAL potenzjalment anormali" | 76-78 |
| **Tqabbil bejn l-Istati Membri** | 79-85 |
| **Konklużjoni u t-triq 'il quddiem** | 86-106 |
| L-istorja tirrepeti ruħha | 87-93 |
| Riskji għall-baġits futuri | 94-101 |
| Kif jista' jitnaqqas ir-RAL? | 102-106 |

## Annessi

### Anness I — RAL skont il-programmi prinċipali - mill-2014 sal-2017 (f'miljun EUR)

### Anness II — Rati kumulattivi ta' pagament u r-RAL fi tmiem l-2017 għall-QFP 2014-2020, skont l-Istat Membru

## Tim tal-QEA

# Sommarju eżekuttiv

**I** L-impenji pendenti, jiġifieri l-ammonti impenjati iżda mhux imħallsa, regolarment ġibdu l-attenzjoni ta' bosta partijiet ikkonċernati fil-baġit tal-UE. Dan huwa dovut għad-daqs kumulattiv ta' dawn l-impenji u għaż-żieda kostanti fil-valur tagħhom.

**II** Il-QEA ssegwi l-evoluzzjoni tal-impenji pendenti bħala parti mill-awditu annwali li twettaq tal-kontijiet tal-UE. Din l-analiżi tiffoka fuq il-livell ta' impenji pendenti fi tmiem l-2017, is-sena l-aktar reċenti li għaliha aħna kkompletajna l-awditu annwali tagħna. L-iskop tagħha mhuwiex li tipprovdi aċċertament dwar dan l-ammont, iżda li tanalizza l-fatturi prinċipali li influwenzawh. Aħna nibbażaw ir-rapport tagħna fuq eżaminar tad-dokumenti rilevanti, fuq analiżi tad-*data* disponibbli fis-sistemi u f'rapporti oħra tal-Kummissjoni, fuq diskussjonijiet mal-persunal tal-Kummissjoni u fuq eżaminar ta' għadd limitat ta' impenji pendenti.

**III** Wara snin ta' żieda kważi kontinwa, il-valur tal-impenji pendenti kien laħaq EUR 267 biljun sa tmiem l-2017. Fil-biċċa l-kbira, dan huwa influwenzat mid-differenza bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament, flimkien mat-trikkib ta' oqfsa finanzjarji pluriennali u l-implimentazzjoni bil-mod tal-programmi ffinanzjati mill-UE. Parti miż-żieda tista' tiġi attribwita wkoll għat-tkabbir fil-baġit tal-UE, inkluża l-ħtieġa ta' adattament dovut għall-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda.

**IV** Ir-regoli dwar l-infiq f'diversi oqsma tal-baġit kellhom impatt sinifikanti fuq iż-żieda fl-impenji pendenti. Il-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) kkontribwew l-akbar sehem, jiġifieri EUR 189.9 biljun fi tmiem l-2017, prinċipalment minħabba:

- It-trikkib bejn il-perjodi li fihom il-programmi SIE jistgħu jiġu implimentati;
- L-adozzjoni tardiva tal-qafas leġiżlattiv għall-programmi SIE;
- L-estensjoni tal-perjodu tad-diżimpenn awtomatiku minn sentejn għal tliet snin;
- Id-dewmien ikkawżat mill-proċeduri u r-rekwiżiti l-ġodda f'dak li jirrigwarda l-infiq mill-fondi SIE għall-perjodu 2014-2020.

**V** Aħna niġbdu l-attenzjoni għar-riskji sinifikanti li livell għoli ta' impenji pendenti jista' joħloq għall-baġit tal-UE. Dan jista' jwassal biex ma jkunx possibbli li t-talbiet għall-pagament jitħallsu fil-ħin minħabba li ma jkunx hemm ammonti suffiċjenti fil-baġits annwali u jżid l-esponiment finanzjarju tal-baġit tal-UE.

**VI** Il-livell ta’ impenji pendenti jista’ jitnaqqas billi:

- jinbidlu l-livelli tal-komponenti baġitarji tiegħu: l-impenji, il-pagamenti u d-diżimpenji;
- jiġu indirizzati l-fatturi għaż-żieda tiegħu; u
- jiġu żgurati dixxiplina finanzjarja u regoli aktar sempliċi għall-infiq mill-baġit.

**VII** Aħna niġbdu l-attenzjoni għas-soluzzjonijiet possibbli li ħadna inkunsiderazzjoni fix-xogħol preċedenti tagħna. Pereżempju:

- l-adozzjoni tal-QFP 2021-2027 u tal-programmi pluriennali assoċjati tiegħu fil-waqt;
- is-simplifikazzjoni tar-regoli għall-infiq mill-baġit;
- l-istabbiliment ta’ previżjoni soda tal-ħtiġijiet ta’ pagamenti; u
- l-aċċertament ta’ bilanċ xieraq bejn l-approprjazzjonijiet ta’ impenn u l-approprjazzjonijiet ta’ pagament.

# Introduzzjoni

01 Il-valur kumulattiv tal-impenji pendenti - magħruf ukoll bħala r-"RAL"[1] - kien is-suġġett ta' dibattiti bejn bosta partijiet ikkonċernati fil-baġit tal-UE. Għal ħafna snin, aħna użajna r-rapporti annwali tagħna biex nesprimu tħassib dwar ix-xejra li dan dejjem qed jiżdied[2] u rrakkomandajna lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni sabiex jitnaqqas il-livell tiegħu. B'din l-analiżi, aħna għandna l-għan li nipprovdu informazzjoni approfondita dwar kif l-ammont tal-impenji pendenti evolva sa tmiem l-2017 u dwar il-fatturi prinċipali wara din ix-xejra. Aħna niġbdu l-attenzjoni għar-riskji prinċipali assoċjati ma' livell għoli ta' RAL u nikkonkludu billi nieħdu kont ta' xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna.

02 Dan mhuwiex rapport tal-awditjar. Huwa analiżi bbażata prinċipalment fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. Aħna ħejjejna dan ir-rapport b'segwitu għall-mistoqsijiet li rċevejna matul il-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali tagħna għas-sena finanzjarja 2017, fl-4 ta' Ottubru 2018, fil-kumitat għall-kontroll tal-baġit tal-Parlament Ewropew. L-analiżi tuża x-xogħol li sar għar-rapporti annwali tagħna u għadd ta' rapporti speċjali. Aħna eżaminajna wkoll dokumenti rilevanti maħruġin mill-Kummissjoni u minn korpi oħra, u organizzajna laqgħat mad-dipartimenti tal-Kummissjoni li jirrappreżentaw oqsma ta' nfiq ewlenin li jikkontribwixxu għar-RAL[3].

03 Għar-rapporti annwali tagħna aħna nittestjaw kampjun ta' impenji, magħmul minn impenji li jkunu saru matul is-sena finanzjarja awditjata u minn impenji pendenti mis-snin preċedenti. Aħna bbażajna fuq ir-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tal-impenji fil-kuntest tar-Rapport Annwali 2017 tagħna, u ssupplimentajna dan ix-xogħol b'kampjun addizzjonali ta' 30 impenn pendenti bl-għan li nifhmu għalfejn għadhom miftuħa.

---

[1] Mill-Franċiż "*reste à liquider*".

[2] Pereżempju, ara l-paragrafu 2.48 tar-Rapport Annwali 2017; il-paragrafu 2.14 tar-Rapport Annwali 2016; il-paragrafu 2.40 tar-Rapport Annwali 2015; il-paragrafi 1.37 u 1.38 tar-Rapport Annwali 2011; il-paragrafi 3.8 sa 3.11 tar-Rapport Annwali 2007; il-paragrafi 2.16 sa 2.20 tar-Rapport Annwali 2003.

[3] Aħna żorna d-Direttorati Ġenerali responsabbli għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE (DĠ BUDG), għall-politika ta' koeżjoni reġjonali u urbana (DĠ REGIO), għall-iżvilupp rurali (DĠ AGRI), għall-viċinat u n-negozjati għat-tkabbir (DĠ NEAR) u għar-riċerka u l-innovazzjoni (DĠ RTD).

## X'inhu r-RAL?

**04** Biex tkun tista' tidħol f'obbligi legali u tipprovdi finanzjament ("impenji legali"), il-Kummissjoni jrid ikollha baġit annwali approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Il-baġit annwali jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn, ammonti li jkunu disponibbli biex jiġu impenjati matul is-sena, iżda li mhux neċessarjament jitħallsu fl-istess sena, u approprjazzjonijiet ta' pagament, l-ammonti reali disponibbli għall-pagament matul is-sena.

**05** Ir-RAL jinkludi l-impenji kollha li jkunu saru matul is-sena attwali u dawk preċedenti li jkunu għadhom la tħallsu u lanqas ma ġew ikkanċellati ("diżimpenjati"). Il-biċċa l-kbira minnhom jirrappreżentaw obbligu finanzjarju futur għall-baġit tal-UE.

**06** Normalment ikun hemm intervall inerenti ta' żmien bejn il-bidu ta' programm[4], meta ġeneralment jiġu impenjati fondi, jew integralment jew f'pagamenti annwali, u d-data li fiha jsiru l-pagamenti. Skont it-tip ta' proġett, qabel ma x-xogħol ikun jista' jinbeda, il-proċeduri jistgħu jinkludu sejħa għal espressjonijiet ta' interess, l-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-finanzjament mill-UE, deċiżjonijiet għall-għoti ta' finanzjament mill-UE, kif ukoll sejħiet għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti. Ladarba dawn il-passi jiġu kkompletati u l-proġett ikun qed jiġi implimentat, l-infiq imġarrab irid jiġi ddikjarat, ivverifikat u ċċertifikat qabel ma l-Kummissjoni tintbagħat klejm għall-pagament. It-tul ta' dawn il-proċeduri jvarja skont il-proġett u jista' jieħu bosta snin f'każ ta' proġetti kumplessi ta' infrastruttura.

**07** Għalhekk, billi l-impenji jsiru kull sena, huma jistgħu jibqgħu pendenti għal bosta snin waqt li l-proġetti jkunu qed jiġu implimentati. Matul dan iż-żmien huma jikkostitwixxu r-RAL, li l-valur tiegħu jiżdied meta jiġu kkuntrattati impenji ġodda u jonqos meta jsiru pagamenti jew diżimpenji.

**08** Mhux l-impenji pendenti kollha jitħallsu finalment. Xi wħud jiġu kkanċellati (diżimpenjati) għal firxa ta' raġunijiet definiti fir-regolamenti. Dawn id-diżimpenji jnaqqsu r-RAL. Eżempji jinkludu ammonti impenjati mill-baġit tal-UE li jaqbżu l-limiti ta' żmien sa meta jistgħu jsiru l-pagamenti jew is-surplus jekk il-pagamenti totali jkunu

---

[4] Fil-każ tal-Intestatura 1b tal-QFP, il-programmi operazzjonali jikkostitwixxu pjanijiet dettaljati li fihom l-Istati Membri jistabbilixxu kif ikunu se jonfqu l-fondi mill-baġit tal-UE. Il-programmi jiġu implimentati permezz ta' proġetti li jiġu magħżula u mmonitorjati mill-Istati Membri.

inqas mill-ammont ikkuntrattat. Il-valur tad-diżimpenji huwa relattivament baxx. Matul l-aħħar 11-il sena (2007-2017) dawn irrappreżentaw 2.1 % tal-impenji totali li saru.

## Bażi għall-impenji

**09** Il-bażi tipika għall-impenji tvarja minn qasam wieħed tal-baġit għal ieħor. It-*Tabella 1* turi eżempji tal-bażi għall-impenji taħt kull intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE (QFP).

### Tabella 1 – Bażi għall-impenji

| Intestatura tal-QFP | Bażi għall-impenji |
|---|---|
| Intestatura 1a<br>Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | Kuntratti ma' riċerkaturi u ma' organizzazzjonijiet tar-riċerka, ftehimiet ta' finanzjament għal proġetti ta' infrastruttura, organizzazzjonijiet involuti fi programmi spazjali, aġenziji nazzjonali involuti fil-programmi ERASMUS. |
| Intestatura 1b<br>Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | Pagamenti annwali stabbiliti fil-pjan ta' finanzjament ta' programmi operazzjonali għal infiq ippjanat fil-qasam tal-Koeżjoni. |
| Intestatura 2<br>Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali | Pagamenti annwali stabbiliti fil-pjan ta' finanzjament ta' programmi operazzjonali għal infiq ippjanat għall-iżvilupp rurali. Ftehimiet dwar sajd ibbażati fuq il-Protokolli ffirmati bejn il-Kunsill u pajjiżi terzi biex jiġu żgurati d-drittjiet tas-sajd. |
| Intestatura 3<br>Sigurtà u ċittadinanza | Kuntratti u ftehimiet mal-Istati Membri jew ma' partijiet terzi oħra għall-promozzjoni tas-saħħa, il-kultura, l-ażil, l-ugwaljanza u l-ġustizzja. |
| Intestatura 4<br>Ewropa Globali | Ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' sħab fil-qasam tal-iżvilupp għal perjodu speċifiku. |
| Intestatura 5<br>Amministrazzjoni | Kuntratti ta' akkwist għal provvisti u servizzi. |

*Sors:* Il-QEA.

**10** Ċerti impenji – pereżempju dawk għal proġetti ta' infrastruttura – jistgħu jibqgħu pendenti għal bosta snin. Fl-2017, it-total tar-RAL, li kien jammonta għal EUR 267.3 biljun, kien jirrappreżenta, bħala medja, 2.7 snin ta' impenji li saru, b'durata

ta' aktar minn sena[5]. Dan kien ivarja bejn l-intestaturi tal-QFP minħabba n-natura differenti tal-impenji u tal-proġetti taħt kull intestatura (it-*Tabella 2*).

### Tabella 2 – RAL fi snin ta' impenji b'durata ta' aktar minn sena

| Intestatura tal-QFP | RAL fi snin ta' impenji |
|---|---|
| 1 Tkabbir inkluživ u intelliġenti | |
| 1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 1.7 sena |
| 1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 3.0 snin |
| 2 Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali | 2.3 snin |
| 3 Sigurtà u ċittadinanza | 1.2 sena |
| 4 Ewropa Globali | 2.7 snin |
| 5 Amministrazzjoni | mhux applikabbli |
| L-Intestaturi kollha tal-QFP | 2.7 snin |

*Sors:* Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2017.

**11** Il-biċċa l-kbira mill-intestaturi jikkombinaw l-impenji li jkunu saru u tħallsu fl-istess sena mal-impenji riportati għal snin fil-futur. Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), taħt l-Intestatura 2, u l-Intestatura 5 "Amministrazzjoni" jikkonsistu kważi kompletament minn impenji mħallsa fl-istess sena u għalhekk, ma jaffettwawx ir-RAL. L-*Anness I* jipprovdi aktar informazzjoni dwar il-programmi prinċipali.

## Kontabbiltà għar-RAL

**12** Ir-RAL huwa ppreżentat f'"Il-Kontijiet annwali kkonsolidati tal-UE", kemm fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja kif ukoll fir-rapporti finanzjarji. Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja juru l-ammont totali tar-RAL, filwaqt li fil-kontijiet annwali kkonsolidati ta' tmiem l-2017[6], il-valur totali tar-RAL li jammonta għal EUR 267.3 biljun, huwa maqsum bejn obbligazzjonijiet (EUR 45.9 biljun) u entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali (EUR 221.4 biljun).

[5] Ikkalkulat bħala l-ammont tar-RAL fi tmiem l-2017 diviż bl-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn differenzjati tal-Baġit 2017. L-approprjazzjonijiet ta' impenn differenzjati jirrappreżentaw ammonti li, b'mod ġenerali, ma jitħallsux fl-istess sena, iżda fil-futur.

[6] COM(2018)521 – Il-kontijiet annwali kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea 2017.

**13** Il-parti tar-RAL li fil-karta bilanċjali hija kontabilizzata bħala obbligazzjoni tirrappreżenta l-ammont inkluż fl-ispejjeż u tidher:

- jew bħala ammont pagabbli, għal klejms għall-ispejjeż jew għal fatturi riċevuti iżda li jkunu għadhom ma tħallsux;
- jew bħala imposta dovuta, li tikkorrispondi għall-ammonti li għalihom tkun għadha ma waslet l-ebda klejm, iżda li jistgħu jkunu marbuta mal-progress ta' programm jew ta' proġett.

**14** Il-parti tar-RAL ippreżentata bħala entrata li ma tidhirx fil-karta bilanċjali[7] tirrappreżenta impenji li (għadhom) ma jistgħux ikunu marbuta ma' ammont ta' nfiq. Dawn huma obbligi kontinġenti li jew ikunu se jitħallsu jew inkella jkunu se jiġu diżimpenjati fis-snin li ġejjin.

**15** L-abbozz ta' Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jistipula li r-Renju Unit għandu jkun responsabbli lejn l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta' impenji baġtarji tal-UE[8] li jkunu għadhom pendenti sal-31 ta' Diċembru 2020[9]. Għalhekk, żieda fir-RAL tfisser li l-ammont li jkun irid jitħallas ikun ogħla. Madankollu, dan ma jżidx il-kontribuzzjoni kumplessiva tar-Renju Unit, billi żieda fir-RAl tfisser ukoll li jkun hemm kontribuzzjonijiet aktar baxxi għall-istess ammont fil-perjodu qabel il-31 ta' Diċembru 2020.

## Żvilupp tar-RAL

**16** Kif jidher fil-***Figura 1***, ir-RAL żdied gradwalment u kellu aċċelerazzjoni qawwija f'dawn l-aħħar snin. Huwa żdied minn EUR 138.7 biljun fi tmiem l-2007 għal EUR 267.3 biljun fi tmiem l-2017, żieda ta' 93 %. Iż-żieda mistennija tkompli fil-futur (il-***paragrafu 91***).

[7] Taħt in-Nota 5.1 "Impenji baġitarji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati" li takkumpanja l-kontijiet annwali kkonsolidati tal-UE 2017.

[8] U l-baġits tal-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni.

[9] U għas-sehem tar-Renju Unit ta' impenji li jkunu saru fl-2021 fuq ir-riport ta' approprjazzjonijiet ta' impenn mill-baġit għall-2020.

## Figura 1 – Evoluzzjoni tar-RAL (f'biljun EUR)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq rapporti tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja.

**17** L-2017 hija r-raba' sena tal-QFP 2014-2020. Ir-RAL fl-2017 kien ta' 25 % tat-total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-QFP. Fl-2010, ir-raba' sena tal-QFP 2007-2013, ir-RAL kien biss 20 % tat-total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn. Ir-RAL espress fi snin ta' impenji b'durata ta' aktar minn sena żdied ukoll minn 2.4 snin fl-2010 għal 2.7 snin fl-2017.

**18** Ir-RAL huwa valur nominali. L-evoluzzjoni tiegħu tinkludi intrinsikament element ta' inflazzjoni matul is-snin, li jaffettwa l-impenji u l-pagamenti sottostanti li joħolqu dan ir-RAL. L-impatt tal-inflazzjoni jista' jkun sinifikanti meta jsir tqabbil bejn perjodi twal ta' żmien[10]. Sabiex jittieħed kont tal-inflazzjoni, fil-***Figura 2***, aħna nuru l-evoluzzjoni tar-RAL bħala perċentwal tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-UE. Tqabbil bejn ir-raba' sena ta' żewġ QFP korrispondenti, juri li r-RAL żdied minn 1.5 % tal-ING fl-2010 għal 1.7 % fl-2017.

[10] Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-QFP, kull sena l-Kummissjoni taġġusta l-QFP biex jirrifletti l-impatt tal-inflazzjoni, bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 % fis-sena.

## Figura 2 – Evoluzzjoni tar-RAL bħala perċentwal tal-ING tal-UE




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq rapporti tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja u fuq *data* mid-database makroekonomika annwali tal-Kummissjoni (AMECO).

**19** Kif jidher fil-***Figura 3***, l-Intestatura 1b kienet il-kontributur ewlieni għar-RAL totali ta' EUR 267.3 biljun fi tmiem l-2017, segwita mill-parti tal-Intestatura 2 implimentata permezz ta' impenji b'durata ta' aktar minn sena.

## Figura 3 – RAL 2017, skont l-intestatura tal-QFP




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet annwali kkonsolidati tal-UE 2017.

**20** Il-parti l-kbira tar-RAL fi tmiem sena partikolari hija relatata mal-impenji li jkunu saru fit-tliet snin preċedenti. Dan jirrifletti, fil-biċċa l-kbira, ix-xejra tal-infiq mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE), fejn l-Istati Membri huma suġġetti għar-riskju li jitilfu l-fondi jekk ma jagħmlux klejms għar-rimborż fi żmien tliet snin (il-

***paragrafi*** ***44***-***46***). Dan jidher fil-***Figura 4*** mis-sena ta' meta nħolqu l-impenji fir-RAL 2017, billi 87 % tal-ammont totali ġie ġġenerat matul it-tliet snin ta' qabel.

## Figura 4 – RAL 2017, skont is-sena ta' oriġini (f'biljun EUR)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet annwali kkonsolidati tal-UE 2017.

**21** It-tkabbir tal-UE bi 13-il Stat Membru ġdid[11] fl-2004, l-2007 u l-2013 wassal awtomatikament għal żieda fil-baġit tal-UE u b'riżultat ta' dan, għal żieda fir-RAL. Il-QFP 2007–2013 kien l-ewwel perjodu li kien jinkludi 27 Stat Membru (28 meta l-Kroazja ssieħbet fl-2013). L-approprjazzjonijiet ta' impenn żdiedu minn EUR 752 biljun għall-QFP 2000-2006, għal EUR 976 biljun għall-QFP 2007-2013, u għal EUR 1 087 biljun għall-QFP 2014-2020. Dan wassal għal żieda fir-RAL. Il-parti tar-RAL dovuta għall-fondi SIE attribwibbli għall-Istati Membri l-ġodda kienet ta' EUR 53.4 biljun fl-2010 u EUR 93.7 biljun fl-2017.

[11] Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ssieħbu fl-UE fl-2004, il-Bulgarija u r-Rumanija fl-2007, u l-Kroazja fl-2013.

# X'inhuma l-fatturi li għandhom impatt fuq ir-RAL?

**22** It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu l-impatt ta' diversi fatturi fuq ir-RAL. Filwaqt li l-impatt individwali tagħhom ma jistax jiġi ddeterminat bi preċiżjoni, aħna nipprovdu, fejn ikun possibbli, ċifri li jistgħu jispjegaw kif kull wieħed minnhom jikkontribwixxi għar-RAL. Aħna ffukajna, b'mod partikolari, fuq il-QFP attwali (2014-2020), li matulu nħolqu l-biċċa l-kbira mill-impenji tar-RAL attwali, u fuq il-QFP preċedenti (2007-2013), billi jippermettilna neżaminaw QFP wieħed kważi sħiħ.

**23** Xi wħud mill-fatturi li jinfluwenzaw ir-RAL għandhom impatt fuq il-baġit fl-intier tiegħu (eż. id-differenza bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament, id-daqs tal-QFP), filwaqt li oħrajn jimmaterjalizzaw b'mod aktar qawwi f'oqsma speċifiċi ta' nfiq (eż. ir-regoli ta' diżimpenn awtomatiku). Billi l-fondi SIE jiġġeneraw aktar minn żewġ terzi tar-RAL, aħna eżaminajna l-evoluzzjoni tagħhom u x-xejriet tal-nfiq f'aktar dettall. Fl-analiżi tagħna, aħna nagħmlu wkoll osservazzjonijiet dwar l-Intestaturi 1a, 3 u 4 tal-QFP. Il-parti tal-Intestatura 2 li tirrigwarda l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), u l-Intestatura 5 "Amministrazzjoni"[12] kollha kemm hi, qed jużaw approprjazzjonijiet imħallsa fl-istess sena li fiha ġew impenjati, u ma jikkontribwixxu kważi xejn għar-RAL, għalhekk, aħna ma inkludejniehomx fl-analiżi tagħna.

## Differenza bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament fi ħdan QFP

**24** Il-baġit tal-UE jiġi adottat b'tali mod li l-impenji bbaġitjati għal QFP partikolari ma jkunux jikkorrispondu għall-pagamenti bbaġitjati. Id-differenza bejn dawn it-tnejn tirrifletti l-impenji li ma jkunux tħallsu matul il-QFP, iżda li jkunu jridu jitħallsu bl-użu ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mill-QFP futuri jew jiġu diżimpenjati.

**25** Id-differenza kienet evidenti, f'livell li jvarja, fl-oqfsa finanzjarji pluriennali l-aktar reċenti. Madankollu, il-QFP 2014-2020 introduċa l-akbar differenza bejn il-limiti massimi kumplessivi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta'

[12] Fi tmiem l-2017, ir-RAL għall-Intestatura 5 "Amministrazzjoni" kien ta' EUR 867 miljun, li minnhom EUR 508 miljun kienu jirrigwardaw istituzzjonijiet oħra tal-UE, għajr il-Kummissjoni.

pagament[13], jiġifieri EUR 51.5 biljun fi prezzijiet tal-2011 (id-differenza fil-QFP 2007-2013 kienet ta' EUR 50 biljun fi prezzijiet tal-2011). Dak iż-żmien, il-Kummissjoni ddikjarat li din id-differenza kienet sempliċiment kumpatibbli mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u mar-rekwiżiti legali[14].

**26** Il-*Figura 5* turi d-differenza annwali bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament ivvotati fil-baġits tal-UE għas-snin 2007 sal-2017, li b'kollox tammonta għal EUR 153.4 biljun u tikkontribwixxi għal żieda fir-RAL.

## Figura 5 – Differenza annwali bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament ivvotati (f'biljun EUR)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mir-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja.

---

[13] Il-QFP jistabbilixxi l-ammonti annwali massimi ("limiti massimi") li jistgħu jintnefqu mill-UE matul il-perjodu, espressi f'approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament. Id-differenza ("marġni") bejn il-limiti massimi annwali u l-approprjazzjonijiet ibbaġitjati tista' tintuża f'każ ta' ħtiġijiet u ta' emerġenzi imprevisti.

[14] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Mid-term review/revision of the multiannual financial framework 2014-2020 - An EU budget focused on results (Rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 - Baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati), SWD(2016)299 final.

**27** Skont il-Kummissjoni, dan il-fattur se jkompli jikkawża aktar żidiet fir-RAL fil-futur: ir-RAL mistenni jkompli bit-tendenza tiegħu li jiżdied minħabba d-differenza bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament[15].

**28** Il-***Figura 6*** hawn taħt turi tqabbil bejn iż-żieda annwali fir-RAL u dik li setgħet tkun mistennija fuq il-bażi tal-livell tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament inklużi fil-baġit ivvotat. Iż-żieda aktar baxxa milli mistennija fl-2012 u l-2013 tista' tiġi spjegata mill-approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali matul dawn is-snin biex tiġi indirizzata l-problema tal-insuffiċjenza ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, filwaqt li t-tnaqqis fl-2014 kien konsegwenza tar-riprogrammazzjoni tal-impenji (il-***paragrafu 61***).

**29** Iż-żieda reali fis-snin mill-2015 sal-2017 kienet ferm ogħla minn dik mistennija, anke jekk jittieħed kont tar-riprogrammazzjoni tal-2014. Dan kien prinċipalment dovut għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi, b'mod partikolari taħt l-Intestatura 1b, li wassal għal ħtiġijiet ta' approprjazzjonijiet ta' pagament aktar baxxi milli kien ibbaġitjat.

## Figura 6 – Tqabbil bejn iż-żieda reali u ż-żieda mistennija fir-RAL (f'biljun EUR)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mir-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja.

[15] Ara l-Paġna 37 tar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2017.

## Implimentazzjoni bil-mod tal-oqfsa finanzjarji pluriennali

**30** Bejn l-2007 u l-2010, l-infiq mill-baġit seħħ ferm aktar bil-mod milli kien previst meta ntlaħaq qbil dwar il-limiti massimi rispettivi tal-QFP. B'mod partikolari, kien hemm dewmien fil-bidu tal-programmi ta' Koeżjoni l-ġodda. Billi l-Istati Membri kienu aktar iffukati fuq li jagħlqu l-programmi tal-QFP 2000-2006 fil-ħin, il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġits annwali baqa' ferm taħt il-limiti massimi rispettivi[16]. Fl-istess ħin, madankollu, l-impenji ġew utilizzati kważi kompletament kull sena. Dan wassal biex ir-RAL jiżdied rapidament, minn EUR 131.7 biljun fil-bidu tal-perjodu tal-QFP (tmiem l-2006), għal EUR 194.4 biljun fi tmiem l-2010.

**31** Bejn l-2011 u l-2013, ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-programm aċċelera. Madankollu, kien matul dan iż-żmien li l-effetti tal-kriżi finanzjarja tal-2007 wasslu għal reċessjoni qawwija u għal deterjorament fil-livelli tad-defiċit pubbliku u tad-dejn pubbliku. B'riżultat ta' dan, kien hemm insuffiċjenza ta' approprjazzjonijiet ta' pagament kif ukoll dewmien fil-ħlas ta' klejms għall-pagament b'valur ta' bosta biljuni ta' euro. Ir-riżultat ta' dan kien li r-RAL żdied għal EUR 217.8 biljun sa tmiem l-2012. Aħna ġbidna l-attenzjoni għal dan il-fenomenu fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012 tagħna[17].

---

[16] Ara l-Paġna 96 tad-dokument intitolat: European Union public finance (Il-finanzi pubbliċi tal-Unjoni Ewropea) — il-ħames edizzjoni.

[17] Il-paragrafi 1.34 u 1.38 tar-Rapport Annwali 2011; il-paragrafi 1.51-1.55 tar-Rapport Annwali 2012.

## Kaxxa 1

### Arretrati ta' pagament "anormali"

Il-Kummissjoni tikklassifika l-ammont ta' klejms għall-pagament pendenti fi tmiem is-sena (arretrati) bħala "normali" u "anormali". L-arretrati normali jikkonsistu fi klejms li jaslu tard wisq biex jiġu pproċessati qabel tmiem is-sena, filwaqt li dawk anormali jirreferu għal klejms li ma jistgħux jitħallsu minħabba l-insuffiċjenza ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit.

Fi tmiem l-2011, il-Kummissjoni rċeviet ammont kbir ta' klejms għall-pagament mingħand l-Istati Membri, prinċipalment fil-qafas tal-fondi SIE. Fost dawn, klejms li kienu ammontaw għal EUR 11-il biljun ma setgħux jitħallsu minħabba l-insuffiċjenza ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-Baġit 2011. Dawn il-klejms tħallsu fl-ewwel ftit xhur tal-2012. Sitwazzjonijiet simili seħħew matul is-snin ta' wara u l-arretrati laħqu l-ogħla livell ta' EUR 24.7 biljun fl-2014. Fl-2015, f'"Dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament"[18], il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jeliminaw progressivament l-arretrati "anormali" ta' klejms għall-pagament pendenti sa tmiem l-2016. L-azzjonijiet meħuda, flimkien mal-effetti tat-tnedija tardiva tal-programmi taħt il-fondi s-SIE għall-perjodu 2014-2020, ippermettew l-eliminazzjoni tal-arretrati anormali sa tmiem l-2016.

**32** Il-QFP 2014-2020 ġie adottat fit-2 ta' Diċembru 2013. Konsegwentement, il-biċċa l-kbira mill-programmi operazzjonali taħt il-fondi SIE ma ġewx approvati fl-2014, li wassal biex EUR 33 biljun[19] f'approprjazzjonijiet ta' impenn jiġu ttrasferiti għas-snin ta' wara. Dan it-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn wassal biex ir-RAL jonqos temporanjament għal EUR 189.6 biljun sa tmiem l-2014

**33** L-arretrati ta' pagament sinifikanti tal-2013 u l-2014, kif ukoll l-adozzjoni tardiva tal-qafas legali kkawżaw dewmien fit-tnedija ta' programmi oħra ta' nfiq taħt l-

---

[18] Dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament 2015-2016, eżitu tal-laqgħa interistituzzjonali tas-26 ta' Mejju 2015 dwar il-pagamenti.

[19] F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-QFP, minħabba l-adozzjoni tardiva tal-programmi taħt ġestjoni kondiviża fl-Intestaturi 1b, 2 u 3, approprjazzjonijiet ta' impenn li kienu jammontaw għal EUR 21.1 biljun ġew ittrasferiti mill-2014, prinċipalment għall-2015, kif ukoll għall-2016 u l-2017. Din ir-riprogrammazzjoni ma bidlitx il-limitu massimu kumplessiv tal-impenji espress fi prezzijiet kurrenti, iżda tirrifletti d-dewmien fl-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi. Ammont addizzjonali ta' EUR 12-il biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġie riportat mill-2014 għall-2015.

Intestaturi 1a u 4[20], kif ukoll dewmien ta’ sena fl-implimentazzjoni ta’ programmi tal-iżvilupp rurali taħt l-Intestatura 2. Dan id-dewmien flimkien ma’ fatturi oħra analizzati hawn taħt, aċċelleraw iż-żieda fir-RAL ta’ dawn l-aħħar snin.

## Il-każ partikolari tal-fondi SIE

**34** Il-fondi SIE jikkontribwixxu l-akbar sehem għar-RAL. Għall-QFP 2014-2020, il-fondi SIE huma l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta’ Koeżjoni (FK), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), inkluża l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (taħt l-Intestaura 1b), kif ukoll il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) (taħt l-Intestatura 2). Fi tmiem l-2017, l-impenji pendenti taħt il-fondi SIE ammontaw għal EUR 189.9 biljun (2016: EUR 165.2 biljun), jiġifieri 71 % tar-RAL totali. Din is-sitwazzjoni hija parzjalment dovuta għas-sehem għoli ta’ dawn il-fondi fil-baġit globali, u parzjalment għar-regoli speċjali relatati mal-ġestjoni tagħhom.

**L-oqfsa finanzjarji pluriennali jikkoinċidu b’madwar seba’ snin**

**35** Il-*Figura 7* turi l-punt sa fejn l-impenji u l-pagamenti minn QFP differenti jikkoinċidu. Matul l-ewwel snin ta’ QFP, ħafna mill-pagamenti jkunu relatati mal-impenji tal-QFP preċedenti. Dan it-trikkib ma ħalliex ir-RAL totali jonqos, billi sakemm l-impenji ta’ QFP partikolari kienu bdew jitħallsu, impenji oħra nħolqu fil-qafas tal-QFP ta’ wara. Kull żmien addizzjonali li ngħata bħala ġustifikazzjoni għall-infiq fl-għeluq finali żied it-trikkib, u għaldaqstant, ir-RAL.

[20] Ara d-dokument tal-Kummissjoni intitolat: “Elements for a payment plan to bring the EU budget back onto a sustainable track” (Elementi għal pjan ta’ pagament sabiex il-baġit tal-UE jerġa’ jaqbad triq sostenibbli), 2015.

## Figura 7 – Evoluzzjoni tar-RAL dovut għall-fondi SIE fi QFP suċċessivi (f'biljun EUR)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mir-rapporti tal-Kummissjoni intitolati: "Analysis of the budgetary implementation of the ESI funds" (Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE).

**36** Kif osservajna qabel[21], wara t-tmiem tal-aħħar tliet QFP, ir-regoli baġitarji tal-UE ppermettew li l-Istati Membri jkollhom aktar żmien biex jonfqu l-fondi allokati lilhom. Fil-perjodi 2000-2006 u 2007-2013, huma tħallew ikomplu l-infiq tagħhom għal sentejn oħra wara t-tmiem tal-QFP. Għaldaqstant, il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-2007-2013 kompla sal-31 ta' Diċembru 2015 (minflok sa tmiem l-2013). Barra minn hekk, l-Istati Membri setgħu jippreżentaw id-dokumenti ta' għeluq finali sa Marzu 2017 fil-każ tal-koeżjoni u sat-30 ta' Ġunju 2016 fil-każ tal-iżvilupp rurali.

**37** Fl-ewwel snin tal-QFP 2014-2020, l-implimentazzjoni ta' maġġoranza kbira tal-programmi kienet għadha ma bdietx minħabba li l-fondi li ma ntnefqux kienu għadhom disponibbli mill-perjodu preċedenti u li l-Istati Membri ffukaw fuq l-għeluq tal-

[21] Ara l-paragrafu 58 tar-Rapport Speċjali Nru 36/2016 tagħna: "Valutazzjoni tal-arranġamenti għall-għeluq tal-programmi tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali għall-2007-2013".

programmi korrispondenti. It-trikkib tal-perjodi ta’ eliġibbiltà ħoloq b’mod ċar diżinċentiv biex il-programmi tal-perjodu l-ġdid jinbdew fil-pront[22].

**38** Skont ir-regoli għall-QFP 2014-2020, l-infiq se jkun eliġibbli mhux għal sentejn, iżda għal tliet snin wara t-tmiem tal-QFP. Ix-xogħol tal-Istati Membri, b’konnessjoni mal-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet (il-***paragrafu 53***) għall-programmi tal-perjodu 2014-2020, se jikkoinċidi mal-implimentazzjoni ta’ programmi ġodda mill-1 ta’ Jannar 2021. Il-perjodu ta’ eliġibbiltà estiż wassal sa tmiem Ġunju 2024 fil-każ tal-iżvilupp rurali u sal-15 ta’ Frar 2025 fil-każ tal-koeżjoni (it-***Tabella 3***).

## Tabella 3 – Koeżjoni - perjodi ta’ eliġibbiltà u dati ta’ skadenza

| QFP | Tmiem tal-QFP | Perjodu ta’ eliġibbiltà | Data għall-preżentazzjoni tad-dokumenti ta’ għeluq |
|---|---|---|---|
| 2000-2006 | 31.12.2006 | 1.1.2000 - 31.12.2008 | 31.3.2010 |
| 2007-2013 | 31.12.2013 | 1.1.2007 - 31.12.2015 | 31.3.2017 |
| 2014-2020 | 31.12.2020 | 1.1.2014 - 31.12.2023 | 15.2.2025 |

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq atti legali.

**39** Il-Kummissjoni tqis li l-“proċess tal-għeluq għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014–2020 se jiġi ssimplifikat iktar minħabba l-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet u eżami ulterjuri tal-aspetti tal-legalità u tar-regolarità. [...] l-aħħar sena se tittratta biss mal-għeluq tal-kategorija ta’ nefqiet iċċertifikati fir-rigward tal-aħħar sena tal-kontabbiltà”[23].

### Adozzjoni tardiva tal-qafas leġiżlattiv

**40** Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-QFP 2014-2020 f'Ġunju 2011. Il-QFP ġie adottat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew f’Diċembru 2013. Ir-Regolament dwar “dispożizzjonijiet komuni”[24] u r-regolamenti speċifiċi għall-ħames

[22] Ara l-paragrafu 64 tar-Rapport Speċjali Nru 36/2016.

[23] Ir-Rapport Speċjali Nru 36/2016 – ir-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 68.

[24] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 (ir-Regolament dwar “dispożizzjonijiet komuni”).

fondi SIE ġew adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2013. Il-proċess ħa ħames xhur aktar minn dak għall-perjodu 2007-2013, li r-regolamenti għalih ġew adottati f'Lulju 2006[25]. Il-leġiżlazzjoni sekondarja għall-QFP 2014–2020 (atti ta' implimentazzjoni u atti ta' delega), ma ġietx adottata bis-sħiħ qabel Jannar 2016.

**41** Id-dewmien wassal lill-Kunsill biex jittrasferixxi l-approprjazzjonijiet ta' impenn li ma setgħux jintużaw fl-2014 għas-snin ta' wara[26]. L-ammont ikkonċernat kien ta' EUR 20.7 biljun (36 % tal-ammont totali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' dik is-sena għall-fondi SIE) (il-***paragrafu*** ***61***).

**Impenji u diżimpenji awtomatiċi**

**42** F'konformità mar-regoli għall-fondi SIE[27], il-Kummissjoni tagħmel "impenn awtomatiku" annwali għal kull programm operazzjonali matul is-seba' snin tal-QFP. L-ammont impenjat huwa bbażat fuq il-pjan ta' finanzjament għall-programm, li jippreżenta ripartizzjoni annwali tal-baġit tal-programm. L-unika kundizzjoni biex isir l-impenn hija li l-programm irid ikun ġie approvat mill-Kummissjoni. Għalhekk, fil-mument li jsir impenn, ma hemm l-ebda rabta mal-progress reali tal-implimentazzjoni tal-programm. L-Istati Membri għandhom tliet snin biex jużaw il-fondi impenjati u biex jiddikjaraw l-ispejjeż lill-Kummissjoni għar-rimborż (ir-regola "n+3"). Wara dan iż-żmien, sistema ta' "diżimpenji awtomatiċi" hija intenzjonata li tikklerja l-fondi li ma jkunux intużaw (il-***paragrafu*** ***45***).

**43** Fil-bidu ta' kull sena, il-valur tal-impenji pendenti b'hekk jiżdied awtomatikament, attwalment b'madwar EUR 50 biljun (matul il-QFP 2007–2013 dan l-ammont kien ta' EUR 30 biljun fis-sena)[28]. L-impenji li jkunu saru f'sena partikolari jinżdiedu ma' dawk pendenti mis-snin preċedenti u, jekk il-pagamenti korrispondenti ta' dik is-sena jkunu aktar baxxi, ir-RAL jiżdied f'kull sena tal-QFP, kif jidher fil-***Figura 8***. L-ammont tar-RAL

---

[25] Ara l-paragrafu 35 tar-Rapport Speċjali Nru 2/2017 tagħna. "In-negozjar, li sar mill-Kummissjoni, tal-Ftehimiet ta' Sħubija 2014-2020 u l-programmi fil-qasam tal-Koeżjoni, għall-perjodu 2014-2020: l-infiq qed ikun aktar immirat fuq il-prijoritajiet ta' Ewropa 2000, iżda l-arranġamenti għall-kejl tal-prestazzjoni qed ikunu dejjem aktar kumplessi".

[26] L-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-QFP jipprevedi li, fil-każ tal-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2014 ta' regoli ġodda jew programmi taħt ġestjoni kondiviża għall-fondi SIE, il-QFP għandu jiġi rivedut sabiex jiġu ttrasferiti għal snin sussegwenti, lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa korrispondenti, l-allokazzjonijiet li ma jintużawx fl-2014.

[27] L-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013.

[28] Espress fi prezzijiet tal-QFP korrispondenti.

għal QFP partikolari jibda jonqos biss wara l-aħħar sena tal-QFP, li warajha mhuwiex possibbli jsiru impenji ġodda.

### Figura 8 – Evoluzzjoni tar-RAL dovut għall-fondi SIE, għal kull sena tal-QFP sa tmiem l-2017




*Nota:* Ir-RAL huwa espress bħala perċentwal tat-total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-fondi SIE taħt il-QFP korrispondenti.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq ċifri mir-rapporti tal-Kummissjoni, Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE.

**44** Hemm żewġ modi kif ir-RAL jista' jonqos. Wieħed huwa billi jsiru l-pagamenti u l-ieħor huwa permezz tad-diżimpenn tal-ammonti. Id-diżimpenji għall-Intestaturi 1b u 2 iseħħu jew wara l-applikazzjoni tar-regola "n+3", jew meta jagħlaq il-perjodu.

**45** Ir-regoli għall-fondi SIE jipprevedu d-diżimpenn awtomatiku tal-ammonti li ma jkunux intużaw sal-iskadenzi speċifikati. Ir-regola ta' diżimpenn awtomatiku[29] għandha l-għan li tippromwovi d-dixxiplina finanzjarja u l-implimentazzjoni f'waqtha tal-programmi billi toħloq rabta bejn l-ammonti impenjati u dawk imħallsa. Jekk il-fondi impenjati fis-sena "n" ma jkunux ġew iġġustifikati minn klejms għall-pagament fl-ammont ta' snin meħtieġ, huma ma jibqgħux aktar disponibbli biex jintużaw u jiġu diżimpenjati. Dan għandu wkoll jikkontribwixxi biex jillimita ż-żieda fir-RAL.

---

[29] Ara l-Artikolu 136(1) tar-Regolament dwar "dispożizzjonijiet komuni".

**46** Ir-regola ġiet introdotta għall-ewwel darba fil-qafas tal-QFP 2000-2006 u kienet tippermetti li jgħaddu sentejn wara li jsir impenn (ir-regola "n+2")[30] qabel l-ammont pendenti ma jiġi kkanċellat. Matul il-QFP 2007-2013, il-perjodu ġie estiż għal tliet snin għal xi wħud mill-Istati Membri u għal ċerti fondi[31]. Għall-QFP 2014-2020, ir-regola "n+3" ġiet estiża għall-Istati Membri kollha u għall-fondi SIE. L-estensjoni tad-data ta' skadenza b'sena kellha l-effett dirett li tikkawża żieda fir-RAL.

**47** Il-*Figura 9* turi kif ir-RAL evolva bħala multiplu tas-snin ta' impenji (ir-RAL diviż bl-approprjazzjonijiet ta' impenn b'durata ta' aktar minn sena). Fil-prinċipju, skont ir-regola n+3, il-valur tar-RAL ma għandux ikollu valur ta' aktar minn tliet darbiet l-ammont tal-impenji annwali. Fl-2017, huwa laħaq dan il-limitu għall-Intestatura 1b.

## Figura 9 – RAL, fi snin ta' impenji




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mir-rapporti annwali tagħna u mir-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja.

**48** Il-*Figura 10* turi l-evoluzzjoni tar-RAL bħala multiplu tas-snin ta' pagamenti (ir-RAL diviż bl-approprjazzjonijiet ta' pagament). Hija għandha tipprovdi stima tal-għadd ta' snin meħtieġa għar-rimborż tar-RAL ta' sena partikolari, bis-suppożizzjoni li jinżamm l-istess livell ta' pagamenti fis-snin futuri. Madankollu, aħna nosservaw li l-livelli tal-pagament jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti.

---

[30] L-Artikolu 31(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1260/99 tal-21 ta' Ġunju 1999.

[31] L-Artikolu 93 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006.

## Figura 10 – RAL, fi snin ta' pagamenti




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mir-rapporti annwali tagħna, mir-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja, u mill-maħżen virtwali tad-*data* tal-Kummissjoni.

**49** L-impatt finanzjarju tar-regola ta' diżimpenn awtomatiku huwa limitat, peress li l-ammonti diżimpenjati kienu żgħar. Għall-QFP 2000-2006, il-valur totali tad-diżimpenji li rriżultaw mir-regola "n+2" kien ta' EUR 1.3 biljun (0.6 % tal-impenji għall-perjodu)[32]. Għall-QFP 2007-2013, fi tmiem l-2017, il-valur totali tad-diżimpenji li rriżultaw mir-regola "n+2"/"n+3" kien ta' EUR 1.6 biljun (0.5 % tal-impenji kollha għall-perjodu)[33]. Għall-QFP 2014-2020, ma kinux saru diżimpenji awtomatiċi sa tmiem l-2017[34].

**50** Għall-QFP 2021–2027, il-Kummissjoni pproponiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jerġgħu lura għar-regola "n+2". Din il-miżura hija pass fid-direzzjoni t-tajba u tista' tikkontribwixxi, għalkemm mhux waħedha, għat-tnaqqis tar-RAL kumplessiv, li jiddependi wkoll fuq fatturi oħra. Meta introduċiet ir-regola "n+2" għall-QFP 2000-

[32] Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni fl-2013.

[33] B'segwitu għall-analiżi tal-pakketti ta' għeluq, il-Kummissjoni ddiżimpenjat EUR 2.8 biljun oħra.

[34] L-2017 kienet l-ewwel sena li fiha kien japplika r-riskju tar-regola "n+3" għal diżimpenji awtomatiċi. Ibbażat fuq ir-rapport tal-Kummissjoni, Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE fl-2017, b'segwitu għall-eżaminar tal-applikazzjonijiet għall-pagament riċevuti, l-ammont massimu espost għal riskju ta' diżimpenn kien ta' madwar EUR 50 miljun u kien jikkonċerna għadd limitat ta' programmi.

2006, il-Kummissjoni qieset li din "għandha tirriżulta f'livell ta' impenji pendenti li jsir stabbli, fil-ftit snin li ġejjin"[35]. Minkejja r-regola "n+2", ir-RAL kompla jiżdied.

**Rekwiżiti ġodda għall-QFP 2014-2020**

**51** Fir-regoli għall-QFP 2014-2020 iddaħħlu għadd ta' elementi ġodda, pereżempju, qafas ta' prestazzjoni u regola dwar il-kundizzjonalità *ex ante*. L-introduzzjoni ta' dawn l-elementi, flimkien mas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll irrinforzati, kienet tirrikjedi ħin u riżorsi.

**52** Il-proċedura tan-nomina[36] għall-QFP 2014-2020 taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u għandha l-għan li tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu stabbilew is-sistema xierqa meħtieġa għall-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi tal-UE. Dan il-proċess tan-nomina ħa fit-tul. Billi kellu jiġi kkompletat qabel ma setgħu jiġu ppreżentati l-klejms għall-pagament, kien hemm dewmien fil-pagament tal-ammonti korrispondenti u, konsegwentement, fit-tnaqqis tar-RAL. Dan ir-rekwiżit ma ġġenerax l-istess dewmien fil-każ tal-FAEŻR[37].

**Aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet**

**53** Għall-QFP 2014-2020, ġiet introdotta proċedura ta' aċċettazzjoni tal-kontijiet li permezz tagħha l-Kummissjoni taċċetta (jew tirrifjuta) il-kontijiet ta' kull programm operazzjonali darba fis-sena. Taħt l-oqfsa finanzjarji pluriennali preċedenti, il-kontroll finali fuq il-legalità u r-regolarità tal-infiq iddikjarat seħħ biss wara l-għeluq tal-programm.

**54** Għall-FEŻR, l-FSE, l-FK u l-FEMS, ir-rimborż tal-pagamenti *interim* huwa limitat għal 90 % tal-ammont totali rimborżabbli. L-10 % li jifdal jifformaw parti mir-RAL għal perjodu ta' żmien qasir sakemm jitħallsu wara l-eżaminar annwali u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet.

---

[35] Ara r-risposti għar-Rapport Annwali 2003 (il-paragrafu 2.48) u għar-Rapport Annwali 2004 (il-paragrafu 2.24).

[36] L-Artikoli 123 u 124 tar-Regolament dwar "dispożizzjonijiet komuni".

[37] L-Artikolu 65(2) tar-Regolament Nru 1305/2013 dwar l-Iżvilupp Rurali, jirrikjedi li l-Istati Membri għandhom jaħtru, għal kull programm ta' żvilupp rurali, l-Awtorità ta' Ġestjoni, l-aġenzija tal-pagamenti akkreditata u l-korp taċ-ċertifikazzjoni. Għall-QFP 2014-2020, il-kontinwazzjoni tal-aġenziji eżistenti tal-pagamenti akkreditati ppermettiet li l-pagamenti *interim* għall-iżvilupp rurali jsiru hekk kif jiġi adottat il-programm relatat.

**55** Filwaqt li dan l-arranġament għandu l-potenzjal li jtejjeb is-sistema ta' kontroll u jnaqqas l-iżbalji, f'ċerti każijiet jista' jwassal għal aktar dewmien, billi l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipposponu d-dikjarazzjoni tal-infiq sakemm ikunu żguri li dan huwa legali u regolari.

**Riżerva ta' prestazzjoni**

**56** Waħda min-novitajiet introdotti għall-QFP 2014-2020 hija l-istabbiliment ta' qafas ta' prestazzjoni. Dan wassal għar-rekwiżit li l-Istati Membri jwarrbu parti mill-finanzjament li huma jirċievu mill-UE f'"riżerva ta' prestazzjoni" għall-biċċa l-kbira mill-programmi tal-fondi SIE. Ir-riżerva ta' prestazzjoni tirrappreżenta 6 %[38] tar-riżorsi allokati għall-FEŻR, l-FSE u l-FK taħt l-għan ta' "investiment għat-tkabbir u l-impjiegi" (madwar EUR 20 biljun), kif ukoll għall-FAEŻR, u għal miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni kondiviża f'konformità mar-Regolament dwar il-FEMS. Dawn il-fondi ta' riżerva jiġu inklużi fil-programmi u jiġu impenjati awtomatikament kull sena, biex b'hekk jikkontribwixxu għaż-żieda fir-RAL, iżda jistgħu jintużaw biss skont l-eżitu tal-analiżi tal-prestazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fl-2019. Dawn l-ammonti mhumiex suġġetti għall-proċedura ta' diżimpenn awtomatiku, u għalhekk jistgħu jew jintużaw jew ikomplu jiffurmaw parti mir-RAL sad-data ta' eliġibbiltà finali għall-QFP. L-ammont totali allokat għar-riżerva ta' prestazzjoni sa tmiem l-2017 kien ta' madwar EUR 14-il biljun, u dan l-ammont ġie inkluż fir-RAL fi tmiem l-2017.

**Impatt tal-prefinanzjamenti**

**57** Skont ir-regoli għall-QFP 2014-2020, il-Kummissjoni trid tħallas ammont inizjali ta' prefinanzjament wara l-adozzjoni ta' programm operazzjonali taħt il-fondi SIE[39]. Il-prefinanzjamenti inizjali li ma jintużawx ma jiġux ikklerjati kompletament qabel l-għeluq tal-programm.

**58** Mill-2016 sal-2023, għall-FEŻR, l-FSE, l-FK u l-FEMS, ir-regoli jirrikjedu wkoll li l-Kummissjoni tħallas prefinanzjamenti annwali addizzjonali li jammontaw għal 2 % sa 3 % tal-fondi allokati[40].

---

[38] Ara l-paragrafu 101 tar-Rapport Speċjali Nru 15/2017 tagħna.

[39] Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regolament dwar "dispożizzjonijiet komuni", dan l-ammont ivarja bejn 1 % u 1.5 % tal-ammonti totali impenjati u jitħallas f'pagamenti annwali bejn l-2014 u l-2016.

[40] L-Artikolu 134(2) tar-Regolament dwar "dispożizzjonijiet komuni".

**59** Il-prefinanzjamenti jnaqqsu l-ammont tar-RAL u, effettivament "jipproteġu" dak l-ammont mid-diżimpenn awtomatiku. Għalhekk, aktar ma jkun għoli l-ammont ta' prefinanzjament imħallas, aktar ma jkun baxx l-ammont li jista' jiġi diżimpenjat bl-użu tar-regola "n+3". It-total tal-prefinanzjamenti mħallsa (inizjali u annwali) mill-2014 sal-2017 kien ta' EUR 34 biljun.

**60** Il-Kummissjoni teżamina l-kontijiet annwali aċċettati ta' programm operazzjonali biex tiddetermina kemm mill-prefinanzjamenti annwali mhumiex koperti minn klejms għall-pagament *interim* matul il-perjodu kontabilistiku korrispondenti. Hija tirkupra l-ammonti kkonċernati, li jsiru dħul assenjat disponibbli, biex b'hekk jinħolqu approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda għall-istess objettivi ta' nfiq. L-approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda jistgħu jintużaw sal-għeluq tal-programm[41], iżda l-approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda jistgħu jintużaw biss sa tmiem is-sena ta' wara. L-ammonti impenjati jikkontribwixxu għaż-żieda fir-RAL u mhumiex suġġetti għad-diżimpenn awtomatiku. Fl-2017, l-ewwel sena li matulha saret l-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet, l-ammont ta' prefinanzjament irkuprat kien ta' EUR 6.5 biljun. Dan l-ammont kien 100 % impenjat, u 84 % minnu tħallsu. Dawn l-ammonti jistgħu jsiru aktar sinifikanti fis-snin li ġejjin. Aħna nosservaw li l-Kummissjoni pproponiet li tnaqqas il-prefinanzjamenti għas-snin mill-2021 sal-2023[42].

**Aġġustamenti fil-QFP**

**61** Kif awtorizzat mill-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-QFP, il-biċċa l-kbira mill-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 20.7 biljun li ma ntużawx fl-2014 minħabba dewmien fl-adozzjoni tal-programmi ġew ittrasferiti għall-2015 (u għall-2016 fil-każ tal-FAEŻR). Dan żied b'mod sinifikanti l-impenji għall-2015 u naqqas bl-istess mod l-impenji għall-2014 (it-***Tabella 4***). Filwaqt li l-livell kumplessiv ta' impenji għall-QFP baqa' l-istess, id-data ta' skadenza tad-diżimpenn għall-ammonti kkonċernati ġiet riportata mill-2017 għall-2018.

[41] L-Artikolu 12(4)(b) tar-Regolament Finanzjarju – ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046: "L-approprjazzjonijiet ta' impenn […] li jkunu disponibbli fil-31 ta' Diċembru [u] li jiġu minn pagamenti mill-ġdid ta' pagamenti ta' prefinanzjament, jistgħu jiġu riportati sal-għeluq tal-programm u jiġu użati meta meħtieġ, dment li ma jkunx għad hemm approprjazzjonijiet għall-impenji oħra disponibbli".

[42] Il-Kummissjoni pproponiet li l-prefinanzjamenti annwali matul l-aħħar tliet snin (2021–2023) jitnaqqsu minn 3 % għal 1 %. Ara l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tal-aġġustament tal-prefinanzjament annwali għas-snin mill-2021 sal-2023, COM(2018) 614.

## Tabella 4 – Trasferiment ta' approprjazzjonijiet mhux użati mill-2014 (miljun EUR)

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|
| QFP 1b | - 11 216 | 11 173 | | 43 |
| QFP 2 | - 9 446 | 5 093 | 4 353 | |

*Sors:* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/623 tal-21 ta' April 2015.

**62** Fl-2017, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-QFP[43], il-Kummissjoni rrieżaminat l-allokazzjonijiet tal-Istati Membri taħt il-mira "Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi" tal-politika ta' koeżjoni. Abbażi ta' din ir-reviżjoni, il-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-perjodu 2017-2020 żdied b'EUR 4.6 biljun u dak għall-approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 1.4 biljun (fi prezzijiet kurrenti). Wara li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ġiet estiża sal-2020, l-ammont addizzjonali ta' EUR 1.2 biljun (fi prezzijiet kurrenti) ġie allokat għall-Intestatura 1b. Dan kompla jżid id-differenza bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprazzjonijiet ta' pagament mill-2017 'il quddiem.

### Previżjonijiet tal-pagamenti

**63** Ir-regoli[44] jirrikjedu li sal-31 ta' Jannar u sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, l-Istati Membri jridu jibagħtu lill-Kummissjoni previżjoni tal-klejms għall-pagament li huma jkunu mistennija jippreżentaw matul is-snin finanzjarji attwali u sussegwenti. Wara li taġġusta ċ-ċifri għall-mudelli proprji tagħha[45], il-Kummissjoni tuża dawn il-previżjonijiet biex tiddetermina l-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament meħtieġa u tipproponi li l-baġit jiġi emendat kif meħtieġ.

**64** Fl-2017, il-Kummissjoni applikat korrezzjoni ta' 25 % fuq il-previżjoni ta' Lulju tal-Istati Membri u pproponiet li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-fondi SIE jitnaqqas b'EUR 5.9 biljun. L-ammont ta' klejms għall-pagament li verament ġie

---

[43] Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013.

[44] L-Artikolu 112(3) tar-Regolament (UE) dwar "dispożizzjonijiet komuni" għall-FK u l-Fondi Strutturali.

[45] Il-Kummissjoni tieħu kont ta' għadd ta' elementi oħra, bħalma huma l-evoluzzjoni tal-għażla ta' proġetti fuq il-post, ix-xejriet osservati fl-implimentazzjoni u l-miri fir-rigward tar-riskju relatat mad-diżimpenn awtomatiku.

ppreżentat sa tmiem is-sena kien kemxejn inqas mill-istima tal-Kummissjoni (b'EUR 0.3 biljun).

**65** Filwaqt li l-preċiżjoni tal-previżjonijiet tal-Istati Membri żdiedet (minn 52 % fl-2016 għal 80 % fl-2017[46]), għad hemm differenza sinifikanti bejn l-ammonti mistennija u l-ammonti verament ikklejmjati. Konsegwentement, ir-RAL ma naqasx daqs kemm kien mistenni.

**Strumenti finanzjarji fil-ġestjoni kondiviża**

**66** Il-baġit tal-UE jista' jintnefaq ukoll bl-użu ta' għodod ġodda bħal strumenti finanzjarji. Għalkemm l-ammonti mħallsa mill-baġit favur dawn l-istrumenti jnaqqsu r-RAL, huma ma jitħallsux immedjatament lill-benefiċjarju finali. Għalhekk, dan jirriżulta biex fil-livell tal-istrument jinħolqu impenji pendenti, li ma jiffurmawx parti mill-baġit tal-UE u mhumiex suġġetti għar-regola ta' diżimpenn awtomatiku[47].

**67** Sa tmiem l-2017, ammont ta' EUR 14.2 biljun kien ġie impenjat mill-fondi SIE favur l-istrumenti finanzjarji, filwaqt li EUR 4.4 biljun kienu tħallsu. Minn dawn, EUR 1.5 biljun kienu tħallsu lir-riċevituri finali[48]. Fir-Rapport Speċjali Nru 19/2016 tagħna, aħna osservajna li għadd sinifikanti ta' strumenti finanzjarji kienu kbar wisq meta mqabbla mal-ħtiġijiet tas-suq. Aħna sibna li fattur li kkontribwixxa għal dan kien l-intenzjoni tal-Istati Membri li jaraw kif iduru mar-regola "n+2"[49].

**Żvilupp rurali**

**68** Il-FAEŻR isegwi regoli finanzjarji li huma kemxejn differenti minn dawk applikabbli għall-fondi SIE l-oħra. Id-dispożizzjonijiet dwar il-prefinanzjamenti inizjali, ir-regola "n+3" għad-diżimpenji u r-riżerva ta' prestazzjoni ta' 6 % huma kollha applikabbli, iżda ma hemmx differenzi sinifikanti meta mqabbla mal-perjodu preċedenti. L-Istati Membri jipprogrammaw madwar nofs l-ammonti allokati għall-hekk imsejħa "miżuri annwali", fejn il-pagamenti jsiru fi żmien sena wara l-impenji. Il-bqija huwa ddedikat

---

[46] Ikkalkulata bħala l-perċentwal ta' klejms stmati mill-Istati Membri mqabbla ma' dawk li verament ġew ippreżentati. Ibbażat fuq ir-rapport tal-Kummissjoni, Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE fl-2017.

[47] Ara l-paragrafi 54 sa 57 tar-Rapport Speċjali Nru 2/2012 tagħna.

[48] L-istrumenti finanzjarji taħt il-Fondi SIE - Sommarji tad-*data* dwar il-progress li sar fil-finanzjament u fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 - is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2017.

[49] Ara l-paragrafu 150 tar-Rapport Speċjali Nru 19/2016 tagħna.

għal "miżuri ta' investiment" simili għal dawk iffinanzjati mill-fondi SIE taħt l-Intestatura 1b.

**69** Il-FAEŻR ma esperjenzax l-istess dewmien bħall-fondi SIE l-oħra f'dak li jirrigwarda l-ħatra tal-awtoritajiet inkarigati mill-programm, billi l-proċess ma nbidilx meta mqabbel mal-QFP preċedenti. B'riżultat ta' dan, id-dewmien fit-tnedija tal-implimentazzjoni tal-programmi kien iqsar u kien prinċipalment dovut għall-fatt li l-qafas leġiżlattiv ġie adottat tard. Dan xorta wassal għar-riprogrammazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2014 (il-***paragrafu*** ***61***).

## RAL f'oqsma baġitarji oħra

### Azzjonijiet esterni

**70** Fil-qasam tal-azzjonijiet esterni (l-Intestatura 4, Ewropa Globali) il-proċedura ta' impenn issegwi ċiklu li huwa differenti minn dak għall-fondi SIE. Għal din l-intestatura, ir-RAL jirrappreżenta 2.7 snin ta' impenji[50], li jirrifletti t-tul tal-proċess mill-impenn sal-pagament. L-impenji ġeneralment isiru f'żewġ stadji. L-ewwel isir impenn globali, segwit minn impenji individwali[51]. Pereżempju, il-programmi li għalihom ikun sar impenn globali fis-sena "n", jiġu formalizzati ma' pajjiż terz matul is-sena "n+1", u l-kuntratti li jiffurmaw il-bażi għal impenji individwali jiġu mbagħad konklużi sas-sena "n+4". Il-proġetti u l-programmi jingħalqu, u l-fondi li ma jkunux intużaw jiġu diżimpenjati, ladarba l-obbligi kuntrattwali kollha jkunu ġew issodisfati u l-pagamenti u l-irkupri korrispondenti jkunu saru.

**71** Fil-bidu ta' QFP, parti kbira mir-RAL għall-Intestatura 4 tikkonsisti f'impenji globali. Peress li dawn qed jiġu implimentati permezz ta' impenji individwali, is-sehem tagħhom fir-RAL qed jonqos. Fi tmiem l-2017, is-sehem tal-parti tar-RAL ġġenerata

---

[50] Dan l-indikatur huwa jerġa' ogħla għal xi wħud mill-programmi taħt din l-intestatura. Fil-każ tal-Istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni, l-indikatur huwa ta' 3.3, filwaqt li dak għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat huwa ta' 3.1.

[51] Meta r-riċevitur u l-ammont tal-infiq ikunu magħrufa, l-impenn ikun "individwali". Jekk mill-inqas wieħed minn dawn l-elementi ma jkunx magħruf, l-impenn ikun "globali".

minn impenji globali taħt l-Intestatura 4 kien ta' EUR 8.3 biljun[52] (32 % tar-RAL għall-Intestatura 4, il-bqija ġejja minn impenji individwali).

**72** Ir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ NEAR u d-DĠ DEVCO (id-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni li jimplimentaw il-biċċa l-kbira mill-infiq taħt l-Intestatura 4) jinkludu indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) relatati mal-ammont tar-RAL. Il-KPI 4 intitolat "perjodu ta' assorbiment tar-RAL"[53] għandu mira annwali ta' "inqas minn erba' snin". Iċ-ċifra reali għall-2017 kienet ta' 4.24[54] snin għad-DĠ NEAR (imqabbla ma' 4.15 fl-2016) u ta' 3.7 snin għad-DĠ DEVCO (imqabbla ma' 3.88 fl-2016).

## Programmi oħra

**73** L-infiq taħt l-Intestatura 1a (Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi) isegwi struttura simili għal dik tal-Intestatura 4, fejn l-impenji globali (eż. ibbażati fuq sejħiet għal proposti) jiġu segwiti minn impenji individwali (meta jiġi ffirmat ftehim ta' għotja). L-Intestatura 1a hija magħmula minn sensiela ta' programmi differenti b'diversi karatteristiċi li jinfluwenzaw ir-RAL, bħad-durata tal-programm u l-modalità ta' implimentazzjoni tiegħu (prinċipalment permezz ta' ġestjoni diretta u ġestjoni indiretta).

**74** Pereżempju, għall-programm Orizzont 2020, li, f'konformità mal-baġit allokat[55], huwa l-kontributur prinċipali għar-RAL taħt din l-intestatura, l-iffirmar ta' kuntratt jiġi segwit mill-pagament ta' prefinanzjamenti (normalment ta' 10 %-30 %). Id-durata medja ta' kuntratt hija ta' madwar sentejn jew tlieta, u twassal għal pagamenti *interim* kif ukoll għal pagament finali fl-għeluq.

---

[52] Fi tmiem l-2017, it-total tar-RAL iġġenerat minn impenji globali għall-intestaturi kollha tal-QFP kien ta' EUR 17-il biljun (6.4 % tat-total).

[53] Ikkalkulat bid-diviżjoni tar-RAL fi tmiem is-sena bil-valur tal-pagamenti li jkunu saru matul dik is-sena.

[54] Id-DĠ NEAR jispjega għalfejn l-indikatur huwa ogħla mill-mira bil-mod li ġej: kien hemm 12-il delegazzjoni li ma laħqux il-parametru referenzjarju għal dan il-KPI. Dan huwa r-riżultat tal-ammonti finanzjarji għolja impenjati matul is-sena flimkien mal-livell baxx ta' pagamenti matul is-sena tar-rappurtar.

[55] Li jirrappreżenta aktar minn 60 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-Intestatura 1a tal-QFP 2014-2020.

**75** Il-biċċa l-kbira mill-finanzjament allokat taħt l-Intestatura 3 (Sigurtà u Ċittadinanza) tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri permezz tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna. Dawn isegwu regoli li huma simili għal dawk tal-fondi SIE. L-Istati Membri jippreżentaw pjanijiet pluriennali; ladarba l-pjanijiet ikunu ġew approvati l-ammonti jiġu impenjati kull sena f'konformità mal-pjan ta' finanzjament. F'dan il-każ japplika diżimpenn awtomatiku skont ir-regola "n+2". Minħabba l-adozzjoni tardiva tal-qafas leġiżlattiv għall-AMIF[56], l-Istati Membri ftit kellhom żmien biex iħejju u jippreżentaw il-pjanijiet pluriennali tagħhom. Min-naħa tagħha, din dewmet l-implimentazzjoni tal-impenji. F'dawn l-aħħar snin, ir-ritmu tal-implimentazzjoni żdied u, fi tmiem l-2017, 90 % tar-RAL għal dan il-qasam kien iġġenerat fl-2016 u 2017.

## "RAL potenzjalment anormali"

**76** L-eżerċizzju tar-"RAL potenzjalment anormali" (RPA) jikkonsisti f'analiżi annwali mwettqa mill-Kummissjoni. L-għan prinċipali tiegħu huwa li jidentifika l-każijiet kollha fejn ir-RAL ma jkunx iġġustifikat, jiġifieri l-impenji rreġistrati fil-kontijiet, iżda li jitqiesu li potenzjalment ma għandhomx ġustifikazzjoni legali u/jew fattwali biex isiru pagamenti ulterjuri. L-analiżi tinkludi l-impenji li ilhom fil-kontijiet għal mill-inqas ħames snin u dawk li għalihom ma sar l-ebda pagament fl-aħħar sentejn. Fil-prinċipju, dawn l-impenji "anormali" kollha jridu jiġu diżimpenjati. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni li jimmaniġġjaw l-impenji inkwistjoni jwettqu l-analiżi fuq bażi ta' każ b'każ.

**77** Il-Kummissjoni tippreżenta r-riżultati ta' dan l-eżerċizzju fid-dokument intitolat: "Draft budget - working document Part V – Budget implementation and assigned revenue" (Abbozz ta' baġit - il-Parti V tad-dokument ta' ħidma - Implimentazzjoni baġitarja u dħul assenjat).

**78** Matul is-snin mill-2010 sal-2017, l-ammont identifikat bħala RAL kien jirrappreżenta, bħala medja, madwar 2.1 % tar-RAL għas-sena. Parti żgħira minn dan l-ammont (eż. 0.15 % tar-RAL fi tmiem l-2017) kienet anormali u ġiet diżimpenjata fi stadju aktar tard.

---

[56] INFO(2017)60 - "Active monitoring and forecast of budget implementation - summer information note" (Monitoraġġ attiv u previżjoni tal-implimentazzjoni tal-baġit - nota ta' informazzjoni għall-perjodu tas-sajf).

### Tabella 5 – Riżultati tal-eżerċizzju RPA (f'biljun EUR)

| Sena | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| RAL totali | 194.4 | 207.4 | 217.8 | 222.4 | 189.6 | 217.7 | 238.8 | 267.3 |
| RPA totali | 1.9 | 2.4 | 9.4 | 5.2 | 4.1 | 2.8 | 3.0 | 8.5 |
| % tar-RPA/RAL | 1.0 % | 1.1 % | 4.3 % | 2.4 % | 2.2 % | 1.3 % | 1.2 % | 3.2 % |

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq id-dokumenti ta' ħidma tal-abbozz ta' baġit.

# Tqabbil bejn l-Istati Membri

**79** Peress li l-impenji pendenti għall-fondi SIE jiġu implimentati permezz ta' ġestjoni kondiviża, huma jistgħu jiġu analizzati wkoll fil-livell tal-Istati Membri. Mir-RAL totali għall-fondi SIE fi tmiem l-2017 (EUR 189.9 biljun), EUR 178.2 biljun (94 %) kienu jikkonsistu f'impenji mill-2014-2020 u EUR 11.7 biljun (6 %) f'impenji mill-2007-2013. Il-*Figura 11* tippreżenta ripartizzjoni skont l-Istat Membru.

### Figura 11 – RAL dovut għall-fondi SIE, skont l-Istat Membru u l-perjodu ta' oriġini (f'biljun EUR)




*Nota:* CB tirreferi għall-programmi transkonfinali.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mir-rapporti tal-Kummissjoni, Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE.

**80** It-tliet Stati Membri bl-ogħla RAL fl-2017 kellhom ukoll l-akbar allokazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-QFP. Dawn kienu l-Polonja, l-Italja u Spanja (b'RAL ta'

EUR 34.6 biljun, EUR 22.3 biljun u EUR 19.2 biljun rispettivament), li rrappreżentaw 40 % tar-RAL 2017 dovut għall-fondi SIE fi tmiem l-2017.

**81** F'termini relattivi, l-Istati Membri bl-ogħla RAL bħala proporzjon tal-allokazzjonijiet rispettivi tagħhom għall-QFP 2014-2020 kienu Ċipru, l-Italja u Malta, bi 48 %, 46 % u 44 %. L-Istati Membri bil-proporzjonijiet l-aktar baxxi kienu l-Finlandja, l-Awstrija u l-Irlanda, fejn ir-RAL kien jirrappreżenta, rispettivament, 19 %, 26 % u 27 % tal-allokazzjonijiet totali[57].

**82** Sa tmiem l-2017 (ir-raba' sena tal-QFP), kien ġie implimentat 16.4 % tal-baġit allokat għall-fondi SIE għall-perjodu (5.3 % fil-forma ta' prefinanzjamenti u 11.1 % f'pagamenti *interim*). Fir-raba' sena tal-perjodu 2007-2013, ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ogħla, f'livell ta' 22.1 % (8.7 % ta' prefinanzjamenti u 13.4 % ta' pagamenti *interim*). Il-***Figura 12*** turi l-implimentazzjoni kumulattiva sa tmiem l-2017 f'kull Stat Membru. L-***Anness II*** jipprovdi informazzjoni aktar dettaljata.

## Figura 12 – Implimentazzjoni kumulattiva fi tmiem l-2017, skont l-Istat Membru għall-perjodu 2014-2020 (bi tqabbil mal-allokazzjonijiet)




*Nota:* CB tirreferi għall-programmi transkonfinali.

*Sors:* Ir-rapport tal-Kummissjoni, Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE fl-2017.

**83** Jekk l-Istati Membri jimplimentaw il-programmi b'rata li tkun bejn wieħed u ieħor kumparabbli, is-sehem tagħhom tar-RAL huwa mistenni jkun proporzjonali għas-sehem tagħhom tat-total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn. Madankollu, jirriżultaw differenzi minħabba li l-Istati Membri jassorbu l-finanzjament b'rati differenti. Għall-QFP 2014-

[57] Ir-rapport tal-Kummissjoni, Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE fl-2017.

2020, l-Istati Membri bl-ogħla rati ta' assorbiment sa tmiem l-2017 kienu l-Finlandja, l-Awstrija u l-Irlanda (kollha aktar minn 25 %), filwaqt li dawk bir-rati l-aktar baxxi kienu l-Italja, il-Kroazja, Malta u Spanja (kollha inqas minn 12 %)[58]. Aħna rrappurtajna dwar ir-raġunijiet għall-assorbiment baxx fir-Rapport Annwali 2017[59] tagħna u f'rapport speċjali reċenti[60]. Ir-raġunijiet prinċipali kienu l-għeluq tardiv tal-QFP preċedenti, l-adozzjoni tardiva ta' atti legali u d-diffikultajiet fl-adattament għal u l-implimentazzjoni ta' bidliet sostanzjali li ġew introdotti fil-QFP 2014-2020. Indikajna wkoll li l-Istati Membri jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jidentifikaw għadd suffiċjenti ta' proġetti ta' kwalità għolja f'perjodu ta' żmien qasir[61].

**84** Il-***Figura 13*** turi r-rati differenti ta' implimentazzjoni, f'termini tas-snin ta' impenji b'durata ta' aktar minn sena rrappreżentati mir-RAL. Fl-2017, ir-RAL għall-biċċa l-kbira mill-Istati Membri kien jirrappreżenta bejn sentejn u tliet snin ta' impenji, kif mistenni skont ir-regola "n+3".

---

[58] Ir-rapport tal-Kummissjoni, Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE fl-2017.

[59] Ir-Rapport Annwali 2017 tal-QEA – il-Kapitolu 2.

[60] Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2018: "L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-aħħar snin tal-programmi għall-perjodu 2007-2013 indirizzaw l-assorbiment baxx iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati".

[61] Ara l-paragrafu 2.17 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.

## Figura 13 – RAL / impenji annwali medji




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq ir-rapport tal-Kummissjoni, Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE fl-2017.

**85** Id-diżimpenji totali għall-perjodu 2007-2013 kienu ta' EUR 4.4 biljun, li minnhom EUR 1.6 biljun kienu jikkorrispondu għad-diżimpenji awtomatiċi u EUR 2.8 biljun għad-diżimpenji fl-għeluq. Dawn id-diżimpenji jnaqqsu r-RAL, iżda huma ammonti li ma jistgħux jintużaw aktar u, għaldaqstant, huma mitlufa għall-Istati Membri kkonċernati u għall-baġit tal-UE[62]. Fil-proposta tagħha għall-QFP 2021-2027, il-Kummissjoni pproponiet li tiġi stabbilita "riżerva tal-Unjoni". Din mistennija tiġi ffinanzjata permezz ta' fondi li jkunu ġew impenjati iżda li fl-aħħar mill-aħħar ma jkunux intefqu, kif ukoll mill-marġni li jibqgħu disponibbli taħt il-livelli massimi għall-impenji tas-sena finanzjarja preċedenti[63]. Il-***Figura 14*** turi r-ripartizzjoni tal-ammont ta' EUR 4.4 biljun fost il-15-il Stat Membru kkonċernat, bl-akbar parti dovuta għar-Rumanija.

[62] Għall-kuntrarju tal-approprjazzjonijiet ta' pagament li ma jkunux intużaw u li jiġu rreġistrati bħala surplus fil-baġit tal-UE biex b'hekk inaqqsu l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE fis-sena ta' wara.

[63] COM(2018)321 – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027.

## Figura 14 – Diżimpenji kumulattivi għall-QFP 2007-2013 bħala perċentwal tal-allokazzjonijiet totali u bħala ammonti assoluti




*Nota:* Ammonti espressi f'miljun EUR.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq ċifri mir-rapporti tal-Kummissjoni.

# Konklużjoni u t-triq 'il quddiem

**86** Ħafna mill-fatturi għar-RAL li eżaminajna f'dan id-dokument huma simili għal dawk ippreżentati mill-Kummissjoni fl-analiżi tagħha tal-2002[64] dwar ir-RAL matul il-QFP 2000-2006. Dawn il-fatturi jinkludu t-trikkib ta' żewġ QFP, l-impatt tar-regola tad-diżimpenn awtomatiku u t-tnedija tardiva tal-programmi. Fatturi ġodda, bħar-rekwiżiti għall-fondi SIE taħt il-QFP 2014-2020, ikkontribwew għall-ilħuq tal-livell rekord attwali tar-RAL. Skont l-istimi tagħna[65], kif ukoll il-previżjonijiet tal-Kummissjoni, iż-żieda hija mistennija tkompli fil-futur.

## L-istorja tirrepeti ruħha

**87** Fis-sena 2000 sar eżerċizzju ta' riprogrammazzjoni simili għal dak li twettaq fl-2014, u li rriżulta fit-trasferiment ta' impenji mis-sena 2000 għall-2001. Kif diġà rajna (il-***paragrafu*** ***30***), kien hemm dewmien ukoll sakemm inbeda l-QFP 2007-2013.

**88** Fl-2004, il-livell tal-impenji pendenti għall-programmi tal-perjodu 2000-2006 kien EUR 3.7 biljun ogħla minn dak li l-Kummissjoni kienet ipprevediet fl-2002. L-impenji baġitarji pendenti għall-programmi tal-perjodu 1994-1999 ammontaw għal EUR 3.3 biljun, filwaqt li fl-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni fl-2002, dawn kienu mistennija li jiġu kompletament likwidati[66]. Dan juri li l-livelli previsti tar-RAL kienu kontinwament qed jiġu stmati b'mod insuffiċjenti.

**89** Meta ntlaħaq qbil dwar il-QFP 2007-2013 f'Mejju 2006, huwa kien ibbażat fuq is-suppożizzjoni li r-RAL kellu jammonta għal EUR 180 biljun sa tmiem l-2013[67]. L-ammont reali kien ta' EUR 222 biljun.

---

[64] COM(2002)528 – Communication from the Commission to the Council and the European Parliament – Evolution of the budget execution of the Structural funds, in particular outstanding commitments (RAL) (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – Evoluzzjoni tal-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-impenji pendenti (RAL)).

[65] Ara l-paragrafu 2.7 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.

[66] Ara l-paragrafu 2.20 tar-Rapport Annwali 2004 tagħna.

[67] Dokument ta' Ħidma dwar l-impenji pendenti (RAL) u l-kwistjoni tal-pagamenti - Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew.

**90** Il-previżjoni tal-pagamenti għall-programmi tal-perjodu 2014-2020 kienet ibbażata fuq *data* storika miż-żewġ QFP preċedenti (tal-2000-2006 u l-ewwel snin tal-2007-2013). Il-Kummissjoni assumiet li d-dewmien li seħħ fl-2007 u fl-2008 ma kienx se jerġà jseħħ u li l-programmi l-ġodda kienu se jinbdew aktar kmieni[68]. Din is-suppożizzjoni rriżultat li kienet żbaljata, u fil-fatt, id-dewmien kien jerġà itwal minn dak tal-perjodu preċedenti.

**91** Meta ġie adottat il-QFP attwali fl-2013, kien previst RAL ta' aktar minn EUR 260 biljun għat-tmiem tal-2020[69]. Prinċipalment minħabba li l-implimentazzjoni tal-fondi SIE bdiet aktar bil-mod milli mistenni, iċ-ċifra reali hija prevista li se tkun sostanzjalment ogħla. Fl-2018, il-Kummissjoni pprevediet[70] li r-RAL se jilħaq EUR 295 biljun fi tmiem l-2020, u EUR 314-il biljun fi tmiem l-2023[71].

**92** Il-Kummissjoni tirrapporta li kien ferm diffiċli li tagħmel previżjoni preċiża tal-evoluzzjoni tal-pagamenti għall-QFP 2014-2020, b'mod partikolari fir-rigward tal-fondi SIE. Bidla ta' (±) 1 % fir-ritmu tal-implimentazzjoni twassal għal bidla ta' (±) EUR 4 biljun fil-ħtiġijiet ta' pagamenti[72].

**93** Għalkemm il-previżjoni tar-RAL jew tal-ħtieġa futura għal approprjazzjonijiet ta' pagament hija proċedura kumplessa, dan l-eżerċizzju jifforma parti essenzjali mit-tħejjija tal-baġits futuri u jgħin biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' arretrati ta' pagamenti anormali. Wara li rrakkomandajna b'mod konsistenti li l-Kummissjoni tipproduċi previżjonijiet ta' pagamenti fit-tul[73], aħna nilqgħu l-fatt li fir-Regolament

---

[68] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 - Baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati, SWD(2016) 299 final.

[69] Abbozz ta' Baġit 2019 – Dikjarazzjoni tal-istimi mħejjija mill-Kummissjoni.

[70] COM(2018) 687 tal-10.10.2018 - Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Previżjoni fuq terminu twil ta' flussi ta' dħul u flussi ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE (2019-2023)".

[71] Bis-suppożizzjoni li l-proposti għall-QFP li jmiss jiġu adottati kif propost mill-Kummissjoni.

[72] Previżjoni ta' pagamenti fuq terminu medju mwettqa mill-Kummissjoni – 16 ta' Ottubru 2017.

[73] Ara d-dokumenti tagħna: Opinjoni Nru 1/2017 (il-paragrafi 110-112), Rapport Annwali 2017 (il-paragrafu 2.49), Rapport Annwali 2015 (il-paragrafu 2.10) u Rapport Annwali 2014 (il-paragrafu 2.22).

Finanzjarju tal-2018 hemm inkluż l-obbligu li l-Kummissjoni kull sena trid tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill previżjoni fit-tul tal-flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ li tkopri l-ħames snin li jkun imiss[74].

## Riskji għall-baġits futuri

**94** Il-Kummissjoni tqis li "ż-żieda fil-livell ta' impenji pendenti għall-Fondi SIE fit-tielet sena tal-perjodu ta' programmazzjoni hija parti miċ-ċiklu normali ta' implimentazzjoni osservat preċedentement għal dawn il-fondi. Il-profil annwali bla xkiel tal-approprjazzjonijiet ta' impenn matul il-perjodu 2014-2020, l-introduzzjoni tar-regola "n+3" u l-implimentazzjoni bil-mod iwasslu għal żieda sinifikanti f'impenji pendenti"[75]. Aħna nqisu, madankollu, li l-livelli attwali għoljin tar-RAL jistgħu jesponu l-baġit tal-UE għar-riskji li ġejjin.

### Insuffiċjenza ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-aħħar snin tal-QFP 2014-2020

**95** Fir-rapporti annwali tagħna, aħna diġà osservajna li meta l-ammont tar-RAL ikun għoli jiżdied ir-riskju ta' arretrati ta' pagamenti anormali, simili għal dak li nstab matul il-perjodu 2013-2015, billi l-għadd ta' klejms huwa mistenni li jiżdied b'mod sostanzjali matul l-aħħar snin tal-QFP 2014-2020[76].

**96** Dan ir-riskju jista' jitnaqqas permezz tal-"marġni globali għall-pagamenti", strument speċjali li jippermetti li l-marġnijiet li ma jkunux intnefqu jiġu riportati għas-snin ta' wara[77].

**97** Skont il-Kummissjoni[78], ma kienx hemm arretrati ta' pagamenti anormali fi tmiem l-2017. Madankollu, l-arretrati fi tmiem l-2017, komposti prinċipalment minn klejms għall-programmi tal-perjodu 2014-2020 li ġew riċevuti tard wisq biex jitħallsu dik sena,

---

[74] L-Artikolu 247(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

[75] Ir-risposta għall-paragrafu 2.14 tar-Rapport Annwali 2016 tagħna.

[76] Ara r-Rapport Annwali 2017 tagħna, il-paragrafu 2.47

[77] Ara r-Rapport Annwali 2017 tagħna, il-paragrafi 2.9 sa 2.12.

[78] Nota ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni intitolata: Active Monitoring and Forecast of Budget Implementation – 2017 (Monitoraġġ Attiv u Previżjoni tal-Implimentazzjoni tal-Baġit – 2017), is-16 ta' Marzu 2018.

ammontaw għal EUR 2.3 biljun. Huwa probabbli li dawn l-arretrati jiżdiedu fis-snin li ġejjin, hekk kif tavvanza l-implimentazzjoni tal-programmi.

**Insuffiċjenza ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-QFP li jmiss**

**98** Bħal fil-perjodi preċedenti, minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi taħt il-QFP 2014-2020, l-approprjazzjonijiet ta' pagament meħtieġa għal dawn il-programmi kienu baxxi ħafna fl-ewwel erba' snin. Madankollu, għall-kuntrarju ta' oqfsa finanzjarji pluriennali preċedenti, l-approprjazzjonijiet ta' pagament annwali ntużaw kważi kompletament fl-2014 u fl-2015 biex isiru l-pagamenti relatati mar-RAL tal-QFP 2007-2013[79]. Dan ifisser li d-dewmien fl-implimentazzjoni kellu wkoll effett pożittiv f'termini baġitarji u għen biex titnaqqas il-pressjoni fuq il-pagamenti. Madankollu, li kieku ma kienx hemm dewmien, il-ħtiġijiet ta' pagament kienu jkunu ħafna ogħla fl-ewwel snin ta' dan il-QFP. Għall-QFP li jmiss, hemm ir-riskju li tinħoloq sitwazzjoni ta' insuffiċjenza ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, simili għal dik tal-perjodu 2011-2015[80] (il-***paragrafu 38***).

**99** Il-Kummissjoni osservat din il-problema fil-previżjoni fuq terminu twil li ħarġet[81]. Hija ddikjarat li l-limiti massimi tal-pagamenti maqbula għall-2019-2020 u dawk proposti għall-2021-2023 huma kumpatibbli mal-ħtiġijiet mistennija għall-programmi tal-2014-2020, u mal-introduzzjoni gradwali tal-programmi tal-2021-2027. Kull dewmien ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-fondi SIE jista' jagħmel pressjoni fuq il-limiti massimi tal-pagamenti għall-2021-2023 u jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jkopru l-programmi ġodda ta' nfiq.

**100** Jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet baġitarji jindirizzaw dan ir-riskju f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-riżorsi proprji[82], li tirrikjedi li jinżamm bilanċ ordnat bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament. Ir-Rapport Annwali 2016 u r-Rapport Annwali 2017 tagħna, inkludew rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw din il-kwistjoni. Fir-Rapport Annwali 2016, aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni tieħu kont taż-żieda fl-impenji pendenti, fil-previżjoni tagħha tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-QFP li jmiss, sabiex tgħin biex jiġi

---

[79] Fl-2014, fil-fatt, il-marġni ta' kontinġenza għall-pagamenti ntużat bħala miżura ta' emerġenza għar-riport ta' approprjazzjonijiet ta' pagament biex ikopru l-ħtiġijiet tas-sena.

[80] Ara r-Rapport Annwali 2016 tagħna, il-paragrafi 2.36 u 2.37.

[81] COM(2018) 687 - Previżjoni fuq terminu twil ta' flussi ta' dħul u flussi ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE (2019-2023).

[82] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014.

żgurat bilanċ ordnat bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament[83]. Fir-Rapport Annwali 2017, aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fil-kuntest tad-dibattitu dwar il-QFP ta' wara l-2020, biex jipprevedu mekkaniżmi li jippermettu li ssir ġestjoni aħjar tar-riskju ta' arretrati ta' pagamenti, fid-dawl tal-livell għoli ta' impenji pendenti fil-QFP attwali u f'dak preċedenti[84].

**Esponiment akbar tal-baġit tal-UE**

**101** Minbarra l-impenji pendenti, l-UE għandha għadd ta' obbligazzjonijiet, garanziji u obbligi ġuridiċi sinifikanti u fuq terminu twil[85]. Dawn jinkludu l-pensjonijiet tal-persunal, il-garanziji għas-self u l-istrumenti finanzjarji. RAL għoli jżid l-ammonti dovuti mill-UE u, għalhekk, iżid l-esponiment finanzjarju tal-baġit tagħha.

## Kif jista' jitnaqqas ir-RAL?

**102** Sabiex jiġi evitat nuqqas fl-approprjazzjonijiet ta' pagament lejn tmiem il-QFP attwali u r-riport anormali tar-RAL minn sena għall-oħra, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li[86]:

- jimmonitorjaw mill-qrib il-livell tar-RAL;
- ir-regoli tad-diżimpenn jiġu applikati b'mod strett, b'mod partikolari dawk għad-diżimpenji awtomatiċi;
- janalizzaw u jiddiskutu l-istimi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livell ta' pagamenti meħtieġ, biex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha matul il-perjodu 2014-2020.

**103** Skont id-definizzjoni tiegħu, il-livell tar-RAL jista' jitnaqqas bi tliet modi:

  - biż-żieda tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament meta ma jkunx suffiċjenti;

[83] Ara l-paragrafu 2.48, ir-Rakkomandazzjoni 1 tar-Rapport Annwali 2016 tagħna.

[84] Ara l-paragrafu 2.62, ir-Rakkomandazzjoni 3 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.

[85] Ara r-Rapport Annwali 2016 tal-QEA, il-paragrafi 2.15 sa 2.20.

[86] Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni — Lulju 2018, l-Anness - Kooperazzjoni interistituzzjonali matul il-proċedura baġitarja.

- bid-diżimpenn tal-fondi; jew
- bit-tnaqqis tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġits futuri, biex b'hekk l-approprjazzjonijiet ta' pagament ikunu suffiċjenti biex jitħallsu l-impenji pendent[87].

**104** Id-deċiżjoni dwar iż-żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament u t-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn issir mill-awtoritajiet baġitarji. Id-diżimpenji jiġu strettament iddeterminati mir-regoli finanzjarji, li jridu jiġu rispettati mill-Kummissjoni meta tapplikahom. Filwaqt li l-volum tad-diżimpenji kien baxx fis-snin li għaddew, huma xorta waħda jirrappreżentaw riżorsi baġitarji mhux użati li ma jistgħux jikkontribwixxu aktar għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika.

**105** Ir-RAL mill-perjodu 2014-2020 huwa mistenni li jonqos mill-2020 sal-2025, meta l-valur ta' dak li jibqa' se jkun, normalment, insinifikanti. L-isfida prinċipali se tkun li jiġi żgurat li r-RAL ma jibdiex jiżdied b'mod li jsir jerġa' ogħla fil-perjodu l-ġdid. Xi wħud mill-miżuri li l-Kummissjoni introduċiet għall-QFP attwali (bħall-approvazzjoni annwali tal-kontijiet), jew li hija pproponiet għall-QFP li jmiss (il-bidla mir-regola tad-diżimpenn "n+3" għal dik "n+2", it-tnaqqis tal-prefinanzjamenti, iż-żamma ta' arranġamenti simili għall-ġestjoni u l-kontroll (bħar-riport ta' awtoritajiet maħtura fl-Istati Membri), flessibilità akbar fit-trasferiment ta' fondi fi ħdan il-programmi u bejniethom)[88] jistgħu jindirizzaw din l-isfida b'mod parzjali.

**106** Il-miżuri li ġejjin huma mistennija wkoll li jgħinu biex jiġi evitat li jkun hemm żieda fir-RAL taħt il-QFP li jmiss:

- l-adozzjoni tal-QFP 2021-2027 u tal-programmi pluriennali assoċjati tiegħu fil-waqt;
- is-simplifikazzjoni tar-regoli għall-infiq mill-baġit[89];

---

[87] Ara l-paragrafu 2.36 tar-Rapport Annwali 2016 tagħna.

[88] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, COM(2018)375.

[89] Ara d-dokumenti informattivi u analitiċi tagħna: "Simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020" – Mejju 2018; "Kontribut għas-simplifikazzjoni tal-programm ta' riċerka tal-UE wara Orizzont 2020" – Marzu 2018; "Il-ġejjieni tal-PAK" – Marzu 2018.

- l-istabbiliment ta’ previżjoni soda tal-ħtiġijiet ta’ pagamenti;
- l-aċċertament ta’ bilanċ xieraq bejn l-approprjazzjonijiet ta’ impenn u l-approprjazzjonijiet ta’ pagament.

# Annessi

## Anness I — RAL skont il-programmi prinċipali - mill-2014 sal-2017 (f'miljun EUR)

| Subintestatura tal-QFP | Isem tas-subintestatura tal-QFP | RAL kumulattiv fi tmiem is-sena | | | | Approprjazzjonijiet ta' impenn ivvotati 2017 | RAL 2017 fi snin ta' impenji |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | | |
| a | b | c | d | e | f | g | h = f / g |
| 1.2.11 | Konverġenza reġjonali (Reġjuni inqas żviluppati) | 61 866 | 69 135 | 71 813 | 82 421 | 26 122 | 3,2 |
| 2.0.20 | Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) | 16 550 | 24 643 | 29 641 | 32 742 | 14 366 | 2,3 |
| 1.2.13 | Kompetittività (Reġjuni aktar żviluppati) | 16 292 | 19 157 | 22 235 | 25 870 | 8 251 | 3,1 |
| 1.2.15 | Fond ta' Koeżjoni | 24 499 | 22 223 | 23 497 | 24 398 | 9 056 | 2,7 |
| 1.1.31 | Orizzont 2020 | 19 947 | 20 434 | 19 945 | 19 928 | 10 346 | 1,9 |
| 1.2.12 | Reġjuni fi tranżizzjoni | 2 771 | 8 873 | 12 382 | 16 151 | 5 627 | 2,9 |
| 4.0.3 | Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) | 8 605 | 8 613 | 8 286 | 8 646 | 3 168 | 2,7 |
| 4.0.2 | Strument Ewropew ta' Viċinat (ENI) | 6 693 | 7 371 | 7 345 | 7 663 | 2 440 | 3,1 |
| 4.0.1 | Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) | 5 948 | 5 898 | 6 402 | 6 901 | 2 115 | 3,3 |
| 1.2.6 | Kontribuzzjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) | - | 1 806 | 3 402 | 4 704 | 1 593 | 3,0 |
| 1.1.82 | Trasport | 4 175 | 3 510 | 3 892 | 3 673 | 1 723 | 2,1 |
| 1.2.2 | Kooperazzjoni territorjali Ewropea | 2 102 | 1 880 | 2 217 | 3 514 | 1 940 | 1,8 |
| 2.0.31 | Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) | 1 549 | 2 170 | 2 595 | 3 218 | 912 | 3,5 |
| 1.1.10 | Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) | - | 1 357 | 2 460 | 2 654 | 2 661 | 1,0 |
| 3.0.1 | Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) | 689 | 980 | 1 734 | 2 447 | 1 620 | 1,5 |
| 1.2.5 | Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (allokazzjoni add | 1 540 | 2 142 | 2 215 | 2 248 | - | |
| 1.1.12 | Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITE | 2 378 | 2 373 | 2 128 | 1 727 | 323 | 5,3 |
| 1.1.81 | Enerġija | 485 | 803 | 1 140 | 1 678 | 700 | 2,4 |
| 2.0.4 | Ambjent u azzjoni klimatika (LIFE) | 1 176 | 1 270 | 1 404 | 1 564 | 494 | 3,2 |
| 3.0.2 | Fond għas-Sigurtà Interna | 738 | 982 | 1 191 | 1 421 | 739 | 1,9 |
| 1.1.11 | Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni bis-Satellita (EGNOS u | 582 | 919 | 1 267 | 1 300 | 897 | 1,4 |
| 1.2.4 | Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD | 91 | 584 | 841 | 1 101 | 546 | 2,0 |
| | **Total għall-programmi pluriennali prinċipali** | **178 675** | **207 122** | **228 033** | **255 971** | **95 639** | **2,7** |
| | Programmi oħra | 10 509 | 10 042 | 10 332 | 10 817 | 8 378 | |
| | **Total** | **189 183** | **217 164** | **238 365** | **266 788** | **104 017** | |

*Nota 1:* Il-programmi huma kklassifikati skont l-ammont li jirrappreżentaw fir-RAL 2017.
*Nota 2:* L-ammonti totali tar-RAL ma jinkludux ir-RAL għal istituzzjonijiet oħra.
*Sors:* *Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mill-maħżen virtwali tad-*data *tal-Kummissjoni.*

# Anness II — Rati kumulattivi ta' pagament u r-RAL fi tmiem l-2017 għall-QFP 2014-2020, skont l-Istat Membru

| Stat Membru | Ammonti allokati mill-QFP (biljun EUR) | Prefinanzjamenti sa tmiem l-2017 | Pagamenti *interim* sa tmiem l-2017 | Rata ta' pagament totali | RAL 2014-2020 fi tmiem l-2017 (biljun EUR) |
|---|---|---|---|---|---|
| a | b | c | d | e = c + d | f |
| FI | 3,77 | 3,8% | 33,9% | 37,7% | 0,7 |
| AT | 4,92 | 3,5% | 26,7% | 30,2% | 1,3 |
| IE | 3,50 | 4,3% | 25,8% | 30,1% | 0,9 |
| LU | 0,14 | 3,8% | 23,6% | 27,4% | 0,0 |
| EL | 21,37 | 10,4% | 14,4% | 24,8% | 6,5 |
| PT | 26,09 | 5,6% | 16,5% | 22,1% | 8,8 |
| SE | 3,72 | 4,6% | 17,5% | 22,1% | 1,3 |
| EE | 4,42 | 4,9% | 16,3% | 21,2% | 1,4 |
| LT | 8,45 | 4,9% | 15,0% | 19,9% | 2,9 |
| CY | 0,95 | 6,0% | 13,3% | 19,3% | 0,4 |
| DK | 1,55 | 3,9% | 15,4% | 19,3% | 0,5 |
| FR | 27,84 | 4,7% | 14,3% | 19,0% | 10,1 |
| UK | 16,88 | 4,5% | 13,1% | 17,6% | 6,4 |
| HU | 25,11 | 5,1% | 12,2% | 17,3% | 9,5 |
| LV | 5,69 | 5,0% | 12,2% | 17,2% | 2,1 |
| DE | 27,93 | 4,5% | 12,5% | 17,0% | 10,8 |
| NL | 1,89 | 4,4% | 12,0% | 16,4% | 0,7 |
| RO | 31,18 | 5,7% | 10,4% | 16,1% | 11,9 |
| BG | 9,99 | 5,0% | 10,9% | 15,9% | 3,9 |
| BE | 2,87 | 5,3% | 10,4% | 15,7% | 1,1 |
| PL | 86,65 | 5,2% | 10,4% | 15,6% | 33,2 |
| CZ | 23,89 | 5,1% | 9,6% | 14,7% | 9,8 |
| SK | 15,49 | 5,1% | 9,0% | 14,1% | 6,2 |
| SI | 3,95 | 4,8% | 8,9% | 13,7% | 1,7 |
| ES | 42,56 | 5,0% | 6,8% | 11,8% | 17,5 |
| MT | 0,83 | 5,0% | 6,3% | 11,3% | 0,4 |
| HR | 10,93 | 5,2% | 5,7% | 10,9% | 4,7 |
| IT | 44,70 | 5,1% | 5,5% | 10,6% | 20,3 |
| CB | 9,26 | 5,6% | 2,7% | 8,3% | 3,1 |
| **Total** | **466,54** | 5,3% | 11,1% | 16,4% | **178,2** |

*Nota 1:* CB tirreferi għall-programmi transkonfinali.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq ir-rapport tal-Kummissjoni, Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi SIE fl-2017.

# Tim tal-QEA

Din l-Analiżi Rapida tal-QEA dwar "Impenji pendenti fil-baġit tal-UE – Ħarsa aktar mill-qrib" ġiet adottata mill-Awla V tal-Awditjar, Finanzjament u Amministrazzjoni tal-Unjoni, li hija mmexxija minn Lazaros S. Lazarou, Membru tal-QEA. Il-kompitu tmexxa minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Dennis Wernerus, Kap tal-Kabinett; Margit Spindelegger, Maniġer Prinċipali; Paul Sime, Kap tal-Kompitu; Michael Tatianos u Mircea-Cristian Martinescu. Thomas Everett pprovda appoġġ lingwistiku, filwaqt li Manuela Magliocca u Valérie Tempez-Erasmi pprovdew assistenza segretarjali.

Wara snin ta' żieda kważi kontinwa, l-impenji pendenti tal-baġit tal-UE laħqu livell għoli ġdid ta' EUR 267 biljun sa tmiem l-2017. Il-biċċa l-kbira minnhom jirrappreżentaw obbligu ta' pagament futur għall-baġit tal-UE. Permezz ta' din l-analiżi, aħna qed nipprovdu informazzjoni approfondita dwar kif l-ammont tagħhom evolva matul iż-żmien u x'inhuma l-fatturi ewlenin għal din ix-xejra ta' żieda. Dawn il-fatturi jinkludu approprjazzjonijiet ta' impenn ogħla mill-approprjazzjonijiet ta' pagament, it-trikkib bejn l-għeluq ta' QFP wieħed u l-bidu ta' ieħor ġdid u l-implimentazzjoni bil-mod tal-programmi ffinanzjati mill-UE fl-Istati Membri. Aħna nidentifikaw ir-riskji li l-ammont kbir ta' impenji pendenti jippreżenta għall-baġit tal-UE, bħall-impossibbiltà li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti futuri, kif ukoll is-soluzzjonijiet possibbli.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

© Unjoni Ewropea, 2019.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.